Qorti ta’ l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 23/2018

**Finco Treasury Management Ltd għall-kont u benefiċċju tal-Provinċjal Maltija tal-Agostinjani**

**Finco Treasury Management Ltd għall-kont u benefiċċju tas-Sależjani ta’ Don Bosco, Malta**

**Finco Treasury Management Ltd għall-kont u benefiċċju tal-ġid ta’ Saviour Brincat, ID 0731128M u Violet Brincat, ID 0555229M**

**Finco Treasury Management Ltd għall-kont u benefiċċju ta’ Joseph Caruana, ID 0189352M u Janet Caruana, ID 0395404L**

**Finco Treasury Management Ltd għall-kont u benefiċċju ta’ Anthony Galea, ID 0404735M**

**Finco Treasury Management Ltd għall-kont u benefiċċju ta’ Secureline Technology Ltd., C22385**

**Finco Treasury Management Ltd għall-kont u benefiċċju ta’ Maria Muscat, ID 0886839M**

**Finco Treasury Management Ltd għall-kont u benefiċċju ta’ Maria Stella Salomone, ID 0734446M**

**Finco Treasury Management Ltd għall-kont u benefiċċju ta’ 59 benefiċjarji oħra li huma: Abela Mario, Mosta, ID 14358M Abela Maurizio, ID 0298174M, Abela Saviour, ID 0559546M, Agius Josephine u Catherine, ID 801546M u 926146M, Aquilina Mario, ID 551855M, Aquilina Anna, ID 0316360M, Attard Montalto H & T, ID 0150350M u 710752M, Attard Montalto H, ID 0150350M, Bannister Nicholas, ID**

**0169737M, Bartolo R & J, ID 1017349M u 0375749M, Bartolo R & J, A/C No. 2, ID 1017349M u 0375749M, Bonello J & R, ID 0267352M u 0066950M, Bonello Paul, ID 589858M, Borg Louis u Anette, ID 550651M u 0256315L, Borg Tonio Hon Dr, ID 0416257M, Buhagiar D & V, ID 968544M u 651151M, Camilleri Francis, A/C 2, ID 885745M, Cappello J & M, ID 081953M u 116454M, Caruana H & M, ID 49446M u 712855M, Chlykova Ioulia, Passaport Russu Nru. 713452149, Deguara L & MF (ex Christopher), ID 958947M u 745449M, Deguara L & MF (ex Christine), ID 958947M u 745449M, Deguara L & MF, ID 958947M u 745449M, Dimech Kenneth, ID 359363M, Cofircont Società Fiduciaria SpA, 2589350152, Ebejer Cettina, ID 832844M, Fabri J & R, ID 707943M u 598040M, Buhagiar Prof Louis (ex Delta), ID 430554M, Fenech Alex, ID 775358M, Fenech Angele, ID 386560M, Galea Carmel, ID 16343M, Galea Salomone Arthur, ID 299662M, Silvestri Stefano, Passaport Taljan YA0184587, Mallia Carrie, ID 0000241M, Marich Yvonne, ID 0274919M, Mercieca Angela, ID 0004359G, Mizzi Paul u Antonia, ID 29557G u 001258G, Muscat Evelyn, ID 701633M, Norraz Co Ltd, C24598, Portelli Joseph, ID 365057M, Ray Dev, ID 0517147M, Zammit Tabona Simone, ID 2004318P, Rogerson Mary, ID 653254M; Passaport UK 210052393, Passaport Malti 1076007, Rusanov Alexander, Passaport Russu PP 71 1665660, Sammut C & V, ID 235464M u 613964M, Sant Fournier Victor, ID 191037M, Scerri Mario u Giacinta, ID 530057M u 583462M, Bonello Paul, A/c 2, ID 589858M, Scicluna Francis u Pasqualina, ID 809843M u 473043M, Spiteri Joseph u Carmen, ID 186548M u 082161M, Spiteri Joseph u Josephine, ID 125868M u 441169M, Sultana David u Carmen, ID 77841G u 826139M, Tanti David u Christine, ID 345662M u 29766M, Tanti Maria u Sant Dorothy, ID 263520M u 2373965M, Tanti Maria u Tanti David, ID 263520M u 345662M, Todd Stewart u Heather, ID 312841A, Vassallo Lydia, Passaport Malti 791843, Vella Aldo u Rita, ID 0339562M u 519764M, Zorzet Marco, Passaport Taljan YA8568303,**

**u**

**Hogg Capital Investments Limited bħala *Nominee* għall-erba' benefiċjarji li huma: Abela Jesmond, ID 292665M, Farrugia Vincent, ID**

**696545M, Miceli Farrugia Alberto, ID 260863M, MSM Investments Limited, C25169,**

**u**

**Abela Paul, ID 0516535M, Abela Paul u Dorothy, ID 0516535M u 0243831M, Agius Anthony u Jane, ID 0582642M, 0193250M, Agius Emanuel u Carmen, ID 0582642M u 0193250M, Antignolo JW u MC, ID 0356557M u 0634856M, Aquilina Alexander, ID 0704052M, Asciak Beatrix, ID 0187738M, Attard Francis, ID 0074447M, Attard Mary, ID 0839348M, Azzopardi Carmelo u Michael, ID 0108255M u 0730558M, Azzopardi Tessie, ID 0776051M, Bartolo John u Ludgarda, ID 0268663M u 0187468M, Beck Noel, ID 0131657M, Bezzina Mario Anthony, ID 0823452M, Bondin John, ID 0940144M, Bonello Anthony u Mary Carmen, ID 0517344M u 0380448M, Bonello Lino, ID 0047332M, Bonnici Maria, (Qormi) ID 0768147M, Borg Alfred u Bernardette, ID 0337960M u 0217561M, Borg Gerald, ID 1048M, Borg Josephine, ID 0666441M, Borg Mario, ID 0446158M, Buhagiar Michelle, ID 0354455M, Callus Leonard, ID 0187940M, Camilleri Angela, ID 0342537M, Camilleri John, ID 0517465M, Caruana Anna, ID 0728857M, Cassar Maria Dolores, ID 0180334M, Cassar Mary Rose, ID 0561537M, Chetcuti Speranza, ID 0610357M, Clean Away Services Ltd, C9028, Cutajar Daniel, ID 0116696M, Cutajar Emanuela, ID 064747M, Cutajar Emanuel, ID 0359147M, Darmanin Richard, ID 0488741M, Darmanin Kissaun Roland (decd), ID 0431942M, Debono Salvu, ID 0739334M, Debrincat Mary Jane, ID 072348G, Ellul Ludgarda, ID 0231348M, Falzon Esther, (Estate of), ID 0240916M, Farrugia Carmel, ID 0863250M, Farrugia Maria, ID 0476945M, Felice Albert, ID 0390237M, Fenech Raymond u Anna, ID 0178054M u 0861154M, Filletti Joseph, ID 0236036M, Galea Philip, ID 0533758M, Gatt Generoso, ID 0692556M, Gatt Michael, ID 0519664M, Gellel Anthony, ID 0917646M, Gialanze J & C, ID 0668044M u 0490653M, Grech Stephen u Miriam, ID 0326558M u 0648059M, Grima Carmelo u Mary Doris, ID 0128944M u 0109146M, Grima Nicholas u Carmen, ID 0554154M u 0420300L, Griscti Anna, ID 0447661M, Griscti Joe, ID 0329660M, Harmsworth Charles, ID 0272751M, Inguanez Peter, ID 0649253M, Mallia Oreste, ID 0428360M, Mamo Joseph, ID 0114149M, Micallef Carmel, ID**

**0047153M, Micallef Carmel u Calcedonia, ID 0047153M u 0651046M, Micallef Paul u Maria Carmen, ID 0489556M u 044159M, Micallef Vella Josephine, ID 0830144M, Mifsud Catherine, ID 0340746M, Mifsud Maria Concetta, ID 01048948M, Muscat Anthony, ID 0636446M, Muscat John, ID 0140058M, Muscat John u Pauline, ID 0472757M u 0178060M, Pace Ermelinda, ID 0172249M, Pace Michael u Mary Anne, ID 0839854M u 0460260M, Pace Victor, ID 0420342M, Pullicino Patricia, ID 01045145M, Said Dr Martin ID 0305847M, Saliba Maria Assunta, ID 0800745M, Sammut Carmelo, ID 0103060M, Sammut Gaetano u Josephine, ID 0801948M u 0947149M, Sant Mary, ID 066039M, Scerri Mario, ID 0530057M, Schembri Mariano, ID 0338454M, Scicluna Paul u Anna, ID 0972046M u 0687948M, Seguna Rita, ID 0586658M, Silvio Mario, ID 0691649M, Spiteri Carmelo u Miriam, ID 0246345M u 0375349M, Vassallo Carmel u Mary Violet, ID 0489743M u 0758946M, Vella Alfred David, ID 0272567M, Vella Josianne, ID 0448070M, Vella Raymond, ID 040367M, Vidolich Paul u Carmen, ID 0636956M u 0835555M, Zammit Lupi Nicolette, ID 0425042M, Abdilla Joseph u Tessie, ID 0443750M u 0571849M, Abela Michael, ID 0762947M, Abela Nathalie, ID 0674342M proprja u bhala eredi ta' Joseph Abela (decd 28/01/2012), ID 0637433M, Agius Alfred u Josephine, ID 0448137M u 0253337M, AGL Alliance Group Ltd., C29129, Aquilina Bridgette, ID 0775257M, Azzopardi John u Gemma, ID 032848G u 019053M, Baldacchino Carmelo, ID 0636950M, Baldacchino Filippa, ID 0748249M, Baldacchino John u Marcelline, ID 0274138M u 095546M, Abela Anthony Not. bhala Ezekutur ta' Emanuel Bartolo, ID 053556M, Bonnici Brian u Josephine, ID 0408489M u 0245673M, Borg George u Imelda, ID 020548M u 0194347M, Borg George u Mary, ID 0456043M u 08244G, Borg Mary Anne Josephine, ID 0350350M, Brincat Joseph u Emanuela, ID 0487539M u 0567839M, Bugeja Angelo, ID 0783534M, Bugeja Joseph, ID 047050M, Bugeja Maria Assunta, ID 0843135M, Buhagiar Michael, ID 0136676M, Cachia Jane, ID 0462854M, Caligari Lilian, ID 053959M, Calleja Joseph, ID 0234557M, Camilleri Anthony u Grace, ID 0117052M u 065652M, Camilleri Walter, ID 0202033M, Cassar Albert, ID 0659548M, Cassar Anna, ID 0572662M, Cassar Euphrasia, ID 0681647M, Cassar Frans, ID 0627151M, Chircop John u Monica, ID 0497566M u 096563M, Ciantar Amabile u Marthese, ID 0729057M u 0627962M, Ciantar David, ID**

**0189479M, Ciantar Francis u Maria Rosaria, ID 0360755M u 0715853M, Colwill Martin Henry u Matthews Lewis, ID 0027586A u 002812A, Cordeiro Anna Mendes, ID 0730136M, Cuschieri Lawrence u Mary, ID 0393133M u 0304537M, Cutajar Graziella, ID 091075M, Cutajar Mario, ID 0914351M, Debono Carmelo, ID 0397646M, Debono Salvatore, ID 0474235M, Delia Paul, ID 0290444M, Demarco Grace, ID 0937547M, Demarco Michael Peter, ID 0353444M, Dimech, Peter (decd) u Maria, ID 0404449M u 0793654M, Ellul Carmen, ID 0547546M, Ellul Nicholas u Calleja Consolata u Baldacchino Mary, ID 0441858M, 0271357M u 0303054M, Fabri Agatha, ID 0441433M, Farrugia Christopher, ID 0000472M, Farrugia John Mary, ID 0361749M, Farrugia Mary, ID 0782836M, Fenech Carmel u Mary Grace, ID 0275157M u 0443358M, Filletti Raymond u Marie Therese, ID 0292858M u 0332261M, Formosa Georgina, ID 0661050M, Frendo Maurice u Iris, ID 0414346M u 0895852M, Frenznick Karlheinz u Jennifer, ID 013282A u 07268M, Galea Carmel u Antoinette, ID 0658962M u 0442362M, Galea Saviour, ID 0894151M, Gauci Marian, ID 0556556M, Giordmaina Victoria, ID 0757445M, Grech Stephen, ID 0120072M, Grima Mark Anthony, ID 0594255M, Hannon Paula, ID 0431878M, Hefford neeè Borg Micolina, ID 0206276M, Hollier David u Rita, ID 0855854M u 0107959M, Lanzon Pauline, ID 0255345M, Lanzon Victor, ID 047445M, Magro Emanuel u Antoinette, ID 0132149M u 0241949M, Magro Emanuel, ID 0132149M, Mercieca James u Yvonne, ID 0205158M u 0356161M, Micallef Maria Dolores, ID 0420224M, Micallef Joseph u Phyllis, ID 0232460M u 0108362M, Mifsud Carmel, ID 0217163M, Mizzi Paul, ID 0602149M, Muscat Peter Paul u Antonia, ID 0614433M u 0034438M, Muscat Pio u Vittoria, ID 0828834M u 0645838M, O'Flaherty Albert, ID 0925545M, Pace Lawrence u Rita, ID 0368661M u 0278066M, Palmier Vincent u Marie Josette, ID 0427950M u 0639754M, Pisani Emanuel u Maria Dolores, ID 0048955M u 0746256M, Pizzuto Anthony, ID 0089253M, Pool Vanessa, ID 0274671M, Rizzo Frank, ID 0763345M, Saliba Chev John (decd) u Margaret, ID 0396235M u 0570641M, Sammut Emanuel, ID 0984150M, Scerri Carmelo, ID 042145G, Sciberras Philip u Ruth Rose, ID 0326161M u 0118365M, Scifo Vincenzo, ID 0571746M, Spiteri Andrew u Josephine, ID 0900445M u 0763138M, Spiteri Mary Carmen, ID 0025153G, Sultana Carmelo, ID 0722040M, Tabone Victoria, ID 0720149M, Vella Alfred, ID 0775647M, Vella David u Carmen, ID**

**0313358M u 0117660M, Warrington Dawn, ID 0387885M, Zammit Andrew u Josephine, ID 0985648M u 0759259M, Zammit Emanuel u Maria Antoinette, ID 0412353M u 0219755M, Zammit Nazzarena, ID 0134034M, Zammit Montebello Frank u Shelagh, ID 0383245M u 0038103L, Agius Carmel sive Lino, ID 0554845M, Agius Thomas, (Estate of), ID 0136222M, Amato Mark Anthony, ID 0367368M, Apap Ray u Zammit J u Xuereb C, ID 0767357M, 0647256M u 0102421M, Aquilina Anthony u Giovanna, ID 0646829M u 0193233M, Attard Peter u Josephine, ID 0160287M u 01235375M, Barbara Louis u Clementina, ID 0420547M u 0506448M, Bezzina Alfred, ID 0475137M, Bezzina Norma, ID 0477543M, Borg Richard, ID 0356572M, Brincat Victor, ID 0693752M, Buttigieg Victor, ID 0679953M, Camilleri Joseph u Tereza, ID 090162M u 047663M, Camilleri Samuel u Alison, ID 0391866M u 0466473M, Caruana Henry, ID 0319437M, Casha Anthony, ID 0506038M, Casha Anthony u Jane, ID 0506038M u 0100838M, Cassar Delia Dr Joseph u Dorothy, ID 019344M u 0651246M, Chatlani Edward, ID 0723259M, Cilia John u Mary, ID 0157944M u 0147647M, Debono Emanuel u Maria Carmela, ID 070350M u 0452251M, Degiorgio Alfred, ID 0817446M, Farrugia Jeffrey, ID 0359352M, Farrugia Joseph u Emanuela, ID 0847854M u 0094258M, Genovese Carmen, ID 0487250M, Grech Elizabeth, ID 0105746M, Guillaumier Catherine, ID 01013944M, Lowell Leslie u Marina, ID 0480345M u 0734952M, Magri Paul, ID 0272547M, Magri Philip, ID 0391554M, Pulis Gerald, Estate of, ID 027313M, Salerno Felix, ID 0421855M, Sammut Michael, ID 0054767M, Tabone Mario, ID 0007858M, Vella Spiridione, ID 044344M, Zammit Carmen, ID 0545145M, Agius Zoe, ID 01098647M, Aquilina Mary Doris, ID 0822344M, Aquilina Nicholas u Mary Carmen, ID 0656736M u 0525136M, Bartolo Alex u Dolora, ID 031851M u 0223501L, Bartolo Gaetano, ID 0832455M, Bonello Anna, (Estate of) ID 0871549M, Bonello Carmelo u Theresa bhala BoV Portfolio, No. 300002295, ID 0816643M u 501044M, Bonello Francis, ID 0877944M, Bonello Maria Antoinette, ID 0784148M, Bonnici Carmelo k/a Karmenu, ID 0083438M, Bonnici Jane, ID 0680852M, Bonnici Mary, ID 0420238M, Borg Alfred u Carmen, ID 0693548M u 0098852M, Borg Francis u Pauline, ID 0258942M, Borg George, (Estate of the late), ID 0757646M, Cachia Paul, ID 0559348M, Calleja Patrick, ID 0118961M, Camilleri Gerald, (Estate of), ID 0133317M, Cardona Dorothy, ID**

**0278651M, Caruana Susanna, ID 0465856M, Cauchi Ronald, ID 0519742M, Ciappara Vincenzo, ID 0353438M, Cutajar Grazio, ID 0040352M, D'Agostino Edward, ID 0352346M, Degabriele Grace, ID 0709660M, Falzon Dieter, ID 0253574M, Farrugia Anthony, ID 0996850M, Galea Paul, ID 0662938M, Gauci Carmel u Mary Grace, ID 0501762M u 0329465M, Grech Arnold u Doris, ID 0744237M u 0427135M, Grech Carmel, ID 0556630M, Grech Flavia, ID 0598444M, Grima Victor u Mary, ID 0192933M u 0413536M, Kodurand Peter D u Rose, ID 02007000P u 0337550M, Lautier Catherine, ID 0680950M, Lewis Joseph, ID 0539346M, Magro Alfred u Alfreda, ID 0533840M u 079243M, Magro Alfred, ID 0533840M, Micallef Mario, ID 0789652M, Micallef Victor, ID 0839749M, Mifsud Anthony, ID 0296148M, Mifsud Anthony u Judith, ID 0431038M u 0535640M, Mifsud John Mary, ID 0466355M, Mizzi John Baptist u Elizabeth, ID 0006050G u 0036849G, Pace Alfred, ID 0180636M, Pace Luigia k/a Aloisia, ID 0420454M, Pace Maria Dolores, ID 0702050M, Pace Mary, ID 0557247M, Pace Paul, ID 0123551M, Pace Vincent, ID 0679441M, Ransely Gordon A u Carmen, ID 0691446M u 0405948M, Rapa Espedito k/a Eddie, ID 03139G u 0543236M, Riolo Michael, ID 0668635M, Santucci Margaret, ID 0488165M, Schembri Edwin u Maria, ID 0945244M u 0852345M, Scicluna Modesta k/a Maud, ID 0143046M, Farrugia Susan, ID 69256M, f'isimha proprju u f'isem l-eredi l-ohra tal-mejtin Staines Robert u Mary Rose sive May, ID 0653625M u 0394134M, Tanti Giulio, ID 0531934M, Tanti Joseph u Josephine, ID 0728451M u 0087851M, Vassallo Francis u Carmen, ID 0072338M u 0574340M, Vella Mary, ID 0623147M, Xuereb Giulio, ID 0578242M, Xuereb John, ID 0422456M, Zammit Antonio, ID 0424348M, Zarb John u Antonia, ID 0332339M u 0583642M, Borg Charles u Valerie, ID 0221451M u 0198851M, Borg Marco, ID 0343656M, Camilleri Raymond, ID 0367961M, Ciantar Emanuel, ID 0023336M, Debono Leonard u Maria Concetta, ID 0223549M u 0210353M, Falzon Mario u Maria, ID 0200452M u 0802845M, Grech Rita, ID 0426657M, Muscat Carmel u Carmen, ID 0771253M u 0809955M, Portelli Francis, ID 0426029M, Psaila Paul, ID 0388262M, Said Anna Marie, (Estate of), ID 061860M, Sammut neè Vassallo Ruth, ID 0299074M, Shaw Mariella, ID 0406563M, Spiteri Angelo u Josephine, ID 0223255M u 0817155M, Sultana Maria Josepha, ID 0636844M, Vella Carmen, ID 057649G, Vella John, ID 040140G,**

**Zammit Quentin, ID 0435880M, Zerafa Joseph u Mary, ID 0315633M u 0629036M,**

**u**

**Debattista Carmel u Marthese, ID 0931651M u 0771854M, Debono Bartholomew u Josephine, ID 037455M u 0272158M, Fleri Soler Joseph, ID 0478729M, Debono Carmelo, ID 0561248M, Augustinian Sisters Servants of Jesus & Mary, Malta Province, ID 0076565M, Bajada Juliette, ID 075142M, Borg Louis u Nicolina k/a Lina Borg Vassallo, ID 0294548M u 0188648M, Micallef Leone, ID 0678853M, Scicluna Joseph u Mary Rose, ID 0322954M u 0528555M,**

**u**

**Gravino Anthony (mejjet) u Maria Carmela, ID 0300136M u 0225837M**
**(appellata)**

**u**

**Borg Rev Fr Valentino, ID 054655M, Friggieri Anthony, ID 0557163M, Schembri Odette, ID 0706262M, Spiteri George, ID 0366857M,**

**u**

**Borg Albert, ID 0147643M**

**u**

**Grima Joseph u Rosanna, ID 80848M u 76747M**

**vs**

**La Valette Funds SICAV p.l.c. (SV1),**
**Bank of Valletta p.l.c. (C2833),**
**Valletta Fund Management Ltd. (C 18603) li mit- 22 ta' Novembru 2016 bdiet tissejjah BOV Asset Management Ltd (appellanti)**

16 ta’ Diċembru, 2019.

1. **Din is-sentenza hi b’riferenza għall-appell li ppreżenta il-Bank of Valletta plc, La Valette SICAV plc u BOV Asset Management Ltd minn deċiżjoni tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji tat-23 ta’ Frar 2018 li permezz tagħha laqa’ l-ilment tal-appellata Gravino u *ai termini* tal-Artikolu 26(3)(ċ)(iv) tal-Kap. 555 tal-Liġijiet ta’ Malta ikkundanna lill-appellanti in solidum bejniethom iħallsuha kumpens ta’ sitt elef erba’ mija u disa’ tletin ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€6,439.52) (ara Appendiċi X, taħt il-kolonna ‘*Kapital li ma tħallasx lura*’ mehmuż mad-decizjoni appellata). Flimkien ma’ din is-sentenza qegħdin jingħataw sentenzi oħra li jolqtu investituri oħra fl-istess prodott (ara appelli numru: 22/18; 23/2018; 24/2018; 25/2018; 26/2018; 27/2018; 28/2018; 29/2018; u 30/18).**

2. Il-qorti tibda biex tirreferi għall-fatti relatati ma’ dawn il-proċeduri:-

   2.1. Permezz ta’ lment li wasal fl-uffiċċju tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji fl-1 ta’ Ġunju 2016, l-appellata Maria Carmela Gravino ippremettiet li hi u żewġha kienu azzjonisti fil-***‘La Valette Multi Manager Property Fund’*** *(il-‘**Fond**’)*, sottofond tal-‘*La Valette Funds SICAV p.l.c.*’ (is-‘***SICAV***’) kumpanija ta’ investiment b’kapital azzjonarju varjabbli reġistrata skont id-dispożizzjonijiet ta’ l-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386) u liċenzjata mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarjita’ Malta (‘***MFSA***’) bħala skema tal-investimenti kollettiv(‘***CIS***’)[1] skont l-Att dwar Servizzi ta’ Investiment (Kap. 370). Tgħid ukoll li hija ‘*konsumatur*’ a tenur tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378).

   In sinteżi, qalet li l-Fond twaqqaf fit-13 ta’ Settembru 2005 u kien liċenzjat mill-MFSA bħala *Professional Investor Fund* (‘***PIF***’) *available to investors qualifying as Experienced Investors* skont il-Kap. 370, liġijiet sussidjarji, Standard Licence Conditions (‘***SLCs***’), Investment Services Rules (‘***ISRs***’) u r-Regoli ġia *guidelines* maħruġa mill-MFSA, u kellu jiġi ġestit inter alia ai termini ta’ dawn il-liġijiet, regoli, *Memorandum and Articles* u l-Prospett tal-istess Fond. Dan ta’ l-aħħar ġie maħruġ mis-SICAV u mqassam, *inter alia,* mill-Valletta Fund Management Ltd (‘***VFM***’) u mill-Bank of Valletta p.l.c. (‘***BOV***’) u sussegwentement ġie aġġornat permezz ta’ diversi *supplementary prospectuses* oħra (***Supplementary Prospectus***). Skont

[1] Collective Investment Scheme.

il-prospett emendat, VFM ġiet inkarigata bħala *manager* bit-tmexxija tal-amministrazzjoni ġenerali tas-SICAV u tal-Fond, filwaqt li l-BOV ġie nkarigat bħala *custodian* tal-istess. Il-BOV aġixxa ukoll ta' intermedjarju u *sales person* fl-għoti ta' pariri, bejgħ u distribuzzjoni tal-ishma fil-Fond lill-investituri, fosthom l-ilmentaturi.

Ippremettiet ukoll illi skont l-artikolu 17.0 tal-*Memorandum and Articles of Association* tas-SICAV '*the Company may invest only in the investments permitted pursuant to the [Investment Services] Act and subject to the limitations set out in the licence issued by the MFSC*. B' referenza għas-*Supplementary Prospectus* tgħid imbgħad li l-Fond twaqqaf bil-għan li jipprovdi lill-investituri bi dħul u tkabbir kapitali billi jinvesti primarjament f'fondi ta' l-investiment li jinvestu fil-qasam tal-proprjetà, iżda b' diversi restrizzjonijiet, fosthom dik **IR(v)** li tipprovdi illi ***'The limit on the level of gearing that the Fund's underlying real estate property funds may be exposed to is of a maximum of 100% of thier respective net assets.'*** Tisħaq li l-varji funzjonarji tal-Fond kellhom l-obbligu illi jħarsu IR(v) u li jirraportaw kwalunkwe ksur tal-istess, kemm lill-MFSA kif ukoll lill-azzjonisti.

Tispjega li inizzjalment l-intimati jew min minnhom kienu qed jirrapurtaw tkabbir kapitali fil-Fond u (i) fil-31 ta' Marzu 2007 il-prezz ta' kull sehem laħaq €1.1650 (minn dak li beda bih fit-13 ta' Settembru 2005 li kien ta' €1 kull sehem); u (ii) sat-30 ta' Settembru 2007 kien hemm żieda fl-ishma u laħaq 72,742,278 b' dan illi ġie rrapurtat li l-Fond kellu valur ekwivalenti għal €84,131,228. Madanakollu, wara Settembru 2007, l-intimati rrapurtaw nżul kostanti fil-prezz ta' kull sehem sakemm eventwalment fid-29 ta' Lulju 2008 ġie rapurtat li kull sehem għandu l-valur ta' €1,0654. **Sussegwentement, fis-7 t' Awissu 2008, il-VFM mingħajr preavviż avżat lill-investituri permezz ta' ittra ċirkolari li kien qed jiġi sospiż il-fidi mill-Fond b' effett minn dak inhar.** Sadanittant, il-prezzijiet tal-ishma fil-Fond baqa' jiġi ppubblikat b'mod regolari sal-5 ta' Mejju 2009, f'liema data kien niżel għal €0.8219.

**Fl-2010, saru numru ta' laqgħat straordinarji għall-azzjonisti tal-Fond bl-iskop li jitwaqqaf '*Side Pocket*' u l-ishma li kellu kull investitur inqasmu fi tnejn: ċirka 51.34% tal-ishma fil-*main pool* u ċirka 48.66% fis-*Side Pocket.* L-uniċi ishma li kellhom valur realizzabbli kienu dawk tal-*Main Pool* li setgħu jinbiegħu bi prezz**

**ta' ċirca €0.518 b' dan illi l-valur totali tal-ishma ġew li kellhom valur realizzabbli fuq is-suq ta' €0.2659 kull sehem.**

Tgħid li t-telf fil-valur tal-ishma kien riżultat ta' negliġenza, imperizja u ksur tar-Regoli u Liġijiet applikabbli fit-tmexxija tal-Fond, in kwantu l-VFM bħala *manager* tal-Fond kien investa l-assi tal-Fond f'fondi sottostanti bi ksur ta' IR(v) tas-*Supplementary Prospectus* peress li l-maġġior parti tal-fondi sottostanti sselfu aktar mil-limitu stabbilit. Da parti tiegħu, bħala kustodju tal-fond, il-BOV *inter alia* kellu l-obbligu li jaċċerta ruħu li dan ma jiġrix iżda minflok ħareġ *Custodian Reports* annwali għall-fond fejn ikkonferma espressament li ma kien sar l-ebda ksur tal-Prospett Supplementari. Tgħid li għalhekk il-BOV aġixxa b'negliġenza, imperizja u ksur (i) tar-regoli u l-liġijiet applikabbli; (ii) tad-dmirijiet tiegħu taħt il-*Custodian Agreement*; u (iii) tal-Prospett Supplimentari u żvijja lill-investituri mill-2006 'l quddiem. Iżżid li dan il-ksur tal-Prospett Supplementari ma seta' qatt ikun skużat, la *a tenur* tar-regoli applikabbli bħala ksur li seħħ *"for reasons beyond the control of the Manager of the Scheme"* u lanqas ma kien *"inadvertent breach of investment restrictions."* F'kull każ, il-VFM bħala *Manager* xorta naqas milli jirraporta l-ksur u jieħu dawk il-passi kollha neċessarji sabiex jissana l-ksur mill-aktar fis possibbli, u fi kwalunkwé każ, fi żmien sitt xhur minn wara li l-ksur ikun ġie rifless fil-valur tal-Fond, skont ir-regoli applikabbli tal-MFSA.

Tilmenta ukoll li l-istruttura kummerċjali tal-provdituri tas-servizz, fejn l-BOV kienet *Custodian*, intermedjarju u *sales person* tal-Fond u l-VFM, sussidjarja tagħha, kienet *manager, promutur* u direttur tas-SICAV, kienet nieqsa minn dawk il-kontrolli indipendenti intiżi sabiex jaċċertaw illi l-istess provdituri josservaw r-regoli u l-liġijiet kollha applikabbli u l-kondizzjonijiet kollha tal-Prospett Supplimentari.

L-ilmentatriċi ssostni li s-SICAV u d-diretturi tagħha, fosthom l-istess VFM, kellhom l-obbligu jaġġornaw il-Prospett Supplementari u jipprovdu tagħrif biżżejjed biex l-investituri jkunu jistgħu jieħdu deċiżjoni nfurmata fuq l-iżvilupp tal-attivitajiet tal-kumpannija u l-istat finanzjarju tagħha iżda fl-ebda waqt ma ġie żvelat ksur tal-IR(v) tal-Prospett Supplementari. Lanqas ma sar rapport f' dan is-sens lill-MFSA. Għalhekk, l-ilmentaturi ġew zgwidati kemm fir-rigward tal-investiment tagħhom fil-Fond kif ukoll fid-deċiżjoni tagħhom li jibqgħu investiti fil-Fond u li jagħmlu investimenti oħra *lump sum* sussegwenti u/ jew jerġgħu jinvestu d-dividendi li rċevew fil-Fond minn żmien għal żmien.

Tilmenta li mhux l-investituri kollha ġew notifikati b'dak li kien qed jiġri u li kien biss wara li l-Fond innifsu issospenda l-fidi li l-investituri <u>kollha</u> ġew infurmati bl-iżviluppi in kwistjoni, f'liema stadju l-investituri ma setgħu jagħmlu xejn biex jillimitaw it-telf tagħhom. Dan minkejja li s-SICAV, il-VFM u l-BOV kienu ben konxji li wħud mill-fondi sottostanti tal-Fond kienu ssospendew il-fidi ferm qabel. Huma baqgħu iżda jivvalutawhom għall-iskop tal-prezz tan-*Net Asset Value per Share* fil-Fond bir-riżultat li l-ipprezzar tal-Fond sar b'mod skorrett u sopravalutat. Tgħid li għalhekk, dawk l-investituri li biegħu l-ishma tagħhom bejn Jannar u Awissu 2008 gawdew mill-ipprezzar ħażin u artifiċjalment għoli tal-ishma billi biegħu l-istess bil-prezz ta' €1.1429 u €1.071, u dan a skapitu ta' l-investituri l-oħra li baqgħu fil-Fond mingħajr ma kienu konsapevoli mis-sospensjoni tal-fidi tal-fondi sottostanti. Iżżid inoltré li l-fidi straordinarju li seħħ fl-ammont ta' 14,702,538 ishma fil-Fond għall-valur ta' €16,200,081 fil-perjodu bejn l-1 ta' Ottubru 2007 u s-7 t' Awwissu 2008, ma kienx wieħed normali fis-swieq finanzjarji.

Tgħid li riżultat tal-vjolazzjoni u tal-ksur tal-obbligi kemm tas-SICAV, kif koll tal-VFM u tal-BOV, l-ilmentaturi effettivament ingħataw ishma f' fond bi profil ta' riskju totalment differenti minn dak li daħlu għalih meta issottoskrivew għall-istess ishma skond il-Prospett Supplementari tal-Fond, u b' hekk, fost nuqqasijiet oħra, spiċċaw sofrew danni nġenti. Huma għamlu dak kollu raġonevolment possibbli sabiex iħarsu d-drittijiet tagħhom inkluż billi interpellaw lis-SICAV u lill-Funzjonarji tal-Fond, foshom il-VFM u l-BOV u nnotifikaw ukoll lill-MFSA. Tilmenta iżda li l-ilmentaturi baqgħu mingħajr informazzjoni u ma ġewx infurmati bl-eżitu tal-investigazzjoni tal-MFSA fi żmien waqtu.

<u>**Fis-26 ta' Mejju 2011 il-BOV unilateralment ressaq offerta għal xiri tal-ishma tal-investituri fil-Fond bil-prezz ta' €0.75 kull sehem**</u> (***'l-Offerta'***) liema offerta kienet biss valida sat-30 ta' Ġunju 2011 u bil-kundizzjoni li min jaċċetta jrid iċedi kull pretensjoni li għandu jew li jista' jkollu fil-konfront tal-Funzjonarji tal-Fond. L-ilmentatriċi ssostni li l-prezz hekk iffissat kien arbitrarju u l-kundizzjoni mposta inġusta. F' dak l-istadju l-MFSA kienet diġa għarrfet bir-rapport tagħha lill-BOV iżda mhux lill-investituri b'dan illi meta għamel l-Offerta tiegħu l-BOV kien konsapevoli li l-MFSA kienet sabet kontra tiegħu u kontra l-funzjonarji tal-Fond l-oħra, inkluż ir-raġunijiet dettaljati għall-konklużjonijiet tal-MFSA. Filwaqt li l-istess

informazzjoni kienet qed tinżamm lura mill-investituri, l-ilmentatriċi ssostni li l-investituri saritilhom pressjoni mill-BOV biex jaċċettaw l-Offerta.

L-ilmentatriċi ssostni li l-MFSA ippubblikat sommarju ta' xi konklużjonijiet li għamlet fil-15 ta' Ġunju 2011 fuq is-sit elettroniku tagħha mingħajr ir-raġunijiet għal dawk il-konklużjonijiet. Madanakollu, l-investituri baqgħu ma ngħatawx kopja tar-rapport tal-MFSA, la mill-imsemmija Awtorità u lanqas mis-SICAV/BOV/VFM. Minkejja diversi interpellazzjonijiet bonarji kif ukoll ġudizzjarji u d-dispost tal-Artikolu 19(2)(a) u (c) tal-Kap. 330, l-MFSA żammet ferm il-pożizzjoni tagħha li r-rapporti regolatrorji ma kinux ser jiġu ppubblikati. Minkejja li, meta t-terminu tal-Offerta kien għadu ma għalaqx, kemm l-investituri kif ukoll l-MFSA issoleċitaw lill-BOV sabiex jestendi t-terminu tal-imsemmija Offerta, it-terminu ma ġiex estiż.

<u>Fl-24 ta' Ġunju 2011, l-MFSA bagħtet ir-rapporti tagħha lill-investituri</u>. Skont l-ilmentatriċi, meta l-maġġoranza tal-investituri rċevew dawn ir-rapporti, kienet diġa skadiet l-Offerta. F'kull każ, ma kienx raġonevolment possibbli li dawk l-investituri li laħqu rċevew ir-rapporti ġurnata jew tnejn qabel ma skadiet l-Offerta, li jikkunsidraw u jieħdu d-debitu parir dwar l-offerta fil-kuntest tal-istess rapporti. Inolté, fiż-żmien li għalqet l-Offerta, l-MFSA kienet qed tmexxi żewġ investigazzjonijiet oħra li tlestew fit-22 ta' Ġunju 2012 liema investigazzjonijeit – speċjalment daw dwar il-prattiċi ta' bejgħ li utilizza l-BOV biex ta' parir u/jew ddistribwixxa u biegħ il-Fond, komplew jgħatu stampa ferm differenti minn dik li kien qiegħed jipproġetta l-BOV fl-Offerta tiegħu. Tgħid li *inoltre*, fiż-żmien li ngħalqet l-Offerta, la l-MFSA u lanqas l-intimati ma taw informazzjoni dwar l-eżitu ta' kwalsiasi nvestigazzjoni li setgħu għamlu fuq talba ta' Paul Bonello dwar il-*pricing* tan-*net asset value per share* tal-Fond matul l-ewwel xhur tal-2008 in vista tal-fidi sproporzjonat li kien hemm matul dawk ix-xhur bi prezz sopravalutat a skapitu tal-investigaturi li baqgħu fil-Fond.

L-ilmentatriċi tgħid li skont ir-rapporti tal-MFSA, il-VFM instabet responsabbli *"as having wrongly applied investment restriction (v) ...'* filwaqt li l-BOV *"as having wrongly applied and wrongly monitored the application by others of investment restriction (v) ...'.* Tikkontendi li kien l-obbligu tas-SICAV, kif ukoll tal-BOV u tal-VFM li jinfurmaw b'dan b'mod tempestiv lill-investituri kif ukoll bir-raġunijiet dettaljati mogħtija mill-MFSA għal dawk il-konklużjonijiet u kellhom jagħtu żmien xieraq lill-investituri jikkunsidraw u jieħdu parir dwar l-istess. Dan fl-isfond tar-regoli tal-MFSA li jimplimentaw id-Direttiva Ewropea MiFID u li jeżiġu li *investment service*

*provider* liċenzjat jaġixxi *"fairly, honestly and in the best interests of the client."* Dan apparti l-obbligi fiduċjarji tal-intimati li jaġixxu *in bona fede* u b' mod onest bi standard ta' *bonus pater familias.* Tgħid li l-BOV aġixxa iżda b' *dolo* u *mala fede* u li l-kondotta tiegħu fir-rigward tal-Offerta unilaterali li saret minnu lill-investituri tikkostitwixxi prattika kummerċjali mhux ġusta u projbita a tenur tal-**art. 51B tal-Kap. 378**. Tirreferi ukoll għal *Media Release* maħruġa mill-MFSA fit-3 ta' Novembru 2011 li fil-fehma tagħha rrikonoxxiet l-inġustizzja tas-sitwazzjoni.

Tgħid li l-aġir inġust u abbużiv tal-BOV, tas-SICAV u tal-VFM estenda ruħu ukoll għat-termini tal-Offerta, mhux biss minħabba l-fatt li nżammet lura informazzjoni li l-BOV kien fid-dover li jiżvela iżda ukoll minħabba l-kliem tal-Offerta nnifisha, b' mod partikolari l-klawsoli 2.9 u 3(a) tal-istess li rispettivament kienu jipprovdu: (i) għall-bejgħ ta' kull sehem mill-investituri lill-BOV bil-prezz ta' €0.75 għal kull sehem *'in full and final settlement'* u kienet torbot lill-investituri biex iċedu kull pretensjoni ulterjuri fil-konfront tal-Funzjonarji u terzi persuni oħra, a favur tal-BOV; u li (ii) *'by completing and delivering the Form of Acceptance and Transfer you, as an Eligible Shareholder ... agree that you have had the opportunity to read this Offer Document and to seek independent legal and other advice as you may have considered appropriate and you shall accordingly be deemed to have had notice of all information and representations concerning this Offer and the legal, financial and investment implications of accepting the Offer.'* Żiedet tgħid li t-termini u l-kundizzjonijiet kollha tal-Offerta ġew unilateralment stabbiliti mill-BOV u kienu inġusti u projbiti a tenur tal-artikolu 44 u 45 tal-Kap. 378. Dan ukoll meta l-BOV kien jaf li ħafna mill-investituri kienu anzjani bla tagħrif u esperjenza finanzjarja li għalhekk kienu konsumaturi vulnerabbli ai fini tal-Kap. 378, *inter alia,* l-artikolu 51B(2). Tgħid għalhekk li skont l-artikolu 46 tal-istess liġi, l-imsemmija klawsoli tal-Offerta ma jorbtux lill-ilmentaturi.

Tgħid ukoll li peremezz ta' ittra mibgħuta mic-*Chairman* tal-BOV, John Cassar White, ndirizzata lil investitur ieħor, Vincenzo Ciappara, fis-16 ta' Diċembru 2014, il-BOV stess irrikonoxxiet il-fatt li minkejja l-aċċettazzjoni tal-Offerta mill-investituri, il-kwistjoni ma kinitx magħluqa u l-istess aċċettazzjoni ma tatx tmiem għall-kwistjoni bejn l-ilmentaturi fuq naħa u s-SICAV, il-BOV u l-VFM fuq in-naħa l-oħra dwar il-Fond.

L-ilmentatriċi talbet għalhekk li l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji:

*'i. Jiddikjara illi l-imġieba tas-SICAV, il-BOV u l-VFM jew min minnhom, ma kinitx ġusta u raġonevoli skond il-liġijiet u r-regoli kollha applikabbli;*

*ii. Jiddikjara illi l-ilmentaturi sofrew telf u dannu riżultat tal-imġieba tal-intimati kif premess;*

*iii. Konsegwentement, jiddikjara u jiddeċiedi illi s-SICAV, BOV u VFM solidament jew min minnhom, huma responsabbli għall-ħlas lill-ilmentaturi ta' dik is-somma rappreżentanti l-kapital oriġinali jew bilanċ tal-kapital oriġinali li għadu ma ġiex imħallas lura lilhom, jew kwalsiasi somma verjuri oħra, in linea ta' danni, bl-imgħaxxijiet kollha dovuti skond il-liġi.*

*Bl-ispejjeż kontra l-imsemmija BOV, SICAV u VFM.'*

2.2. Permezz ta' dikjarazzjoni annessa mal-ilment, l-ilmentatriċi indikat li l-kapital li ma tħallasx lura lilha jammonta għal **€6,439.520.**

2.3. L-intimati wieġbu li l-ilmenti tal-ilmentatriċi ma jistgħux jiġu milqugħa għar-raġunijiet segwenti li ġew spjegati aktar fid-dettall fl-istess risposta:

*'1. Illi in linea preliminari, is-Sinjurija Tiegħu l-Arbitru m' għandux il-kompetenza taħt il-liġi biex jiddeċiedi dwar il-validità o meno tal-kuntratt ta' tranzazzjoni, jew jekk jorbotx il-kuntratt ta' tranzazzjoni bejn il-partijiet, u semmai tali kwistjoni jekk titqajjem għandha tiġi deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili b' mod esklussiv;*

*2. Illi in linea preliminari ukoll, is-Sinjurija Tiegħu l-Arbitru għandu qabel xejn jirrifjuta li jeżercita l-poteri tiegħu stante tranzazzjoni li għandha s-setgħa ta' sentenza li għaddiet in ġudikat. Minghajr limitazzjoni għall-ġeneralità tas-suespost dan jirrendi l-ilmenti de quo frivoli w vessatorji ai termini tal-Artikolu 21(2)(c) tal-Kap. 555.*

*3. Illi in linea preliminari wkoll, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-Sinjurija Tiegħu l-Arbitru għandu wkoll jirrifjuta li jeżerċita l-poteri tiegħu fil-konfront ta' VFM u BOV stante illi s-Sinjurija Tiegħu l-Arbitru għandu s-setgħa li jittratta biss ilmenti li jkunu tressqu minn "klijenti eligibbli";*

*4. Illi in linea preliminari u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-intimati VFM u BOV m'humiex il-leġittimi kontradditturi f'dawn il-proċeduri;*

*5. Illi in linea preliminari wkoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, in-nuqqas ta' kompetenza tas-Sinjurija Tiegħu l-Arbitru li jagħmel determinazzjonijiet u/jew jipprovdi rimedji lill-ilmentaturi msejsa fuq ilmenti bbażati fuq id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta, stante li tali kompetenza hija vestita b'mod esklussiv fit-Tribunali għall-Affarijiet tal-Konsumatur u l-Qrati Ordinarji;*

*6. Illi in linea preliminari wkoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ilmentatriċi f' isimha proprju u bħala eredi tal-mejjet żewġha Anthony Gravino la għandha d-dritt u lanqas l-interess ġuridiku li tippromwovi dawn l-istanzi stante li hi u żewġha biegħu u ttrasferew id-drittijiet kollha tagħhom inklużi drittijiet litiġjużi fil-konfront ta' kull wieħed mill-intimati, u allura l-ilmentatriċi f' isimha proprju u bħala żewġha Anthony Gravino ma tistax illum teżerċita dritt li m'għadux tagħhom stante li kien ġie debitament trasferit lill-istess*

*intimati li kontra tagħhom qiegħed isir dan l-ilment, u dan jikkostitwixxi wkoll ksur tad-dritt fondamentali tal-intimati li jgawdu l-proprjetà tagħhom;*

*7. In linea preliminari ukoll, l-ilmentatriċi għandha turi l-interess tagħha li tagħmel dan l-ilment bħala l-eredi tal-mejjet żewġha Anthony Gravino;*

*8. In linea preliminari ukoll, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ilment huwa preskritt:*

> *(i) Kwalunkwe azzjoni li għanhda effett li tirrixendi l-kuntratt li bih l-ilmentatriċi f' isimha proprju u bħala eredi tal-mejjet żewġha Anthony Gravino ittransiġew ma' l-intimati hija preskritta bit-trapass ta' sentejn u dan abbażi ta' l-artikolu 1222 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *(ii) Mingħajr preġudizzju għas-suespost, anké li kieku għall-grazzja tal-argument il-kuntratt ta' transazzjoni kellu jiġi skartat, it-talbiet ta' l-ilmentatriċi f' isimha proprju u bħala eredi tal-mejjet żewġha Anthony Gravino msejsa fuq allegazzjonijiet ta' responsabbilità extra contrattuale* jew *aquiliana* huma preskritti ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

*9. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikax għall-ilmenti de quo kif aħjar spjegat fid-dettal f'din ir-risposta;*

*10. Illi, minghajr pregudizzju għas-suespost, nonostante illi l-ilmentatriċi f'isimha proprju u bħala eredi tal-mejjet żewġha Anthony Gravino tilmenta lli l-kuntratt ta' tranzazzjoni eżistenti bejniethom u l-intimati ma jorbotx, ma għamlet ebda talba biex l-istess jiġi dikjarat null mis-Sinjurija Tiegħu l-Arbitru u, allura, fin-nuqqas ta' tali dikjarazzjoni, l-istess kuntratt irid jingħata l-effett kollu tiegħu mill-Arbitru skont l-ekwità u l-liġi;*

*11. Fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, illi fi kwalunkwe każ l-ilmentatriċi f'isimha proprju u bħala eredi tal-mejjet żewġha Anthony Gravino ma sofrew ebda dannu bħala riżultat ta' xi imġieba illegali ta' ħadd mill-intimati u, li fl-ebda ċirkostanza l-intimati u ħadd minnhom, ma huwa responsabbli għall-ħlas lill-ilmentatriċi f'isimha proprju u bħala eredi tal-mejjet żewġha Anthony Gravino tas-somma mitluba, jew ta' kwalsiasi somma oħra in linea ta' danni;*

*12. Mingħajr preġudizzju għall-premess, fi kwalunkwe każ it-talba għall-imgħaxijiet hija nsostenibbli u għandha tiġi miċħuda abbażi tal-prinċipju in liquidandis non fit mora.*

*13. L-ispejjeż ta' dawn l-istanzi għandhom jiġu ssopportati mill-ilmentatriċi f'isimha proprju u bħala eredi tal-mejjet żewġha Anthony Gravino.'*

2.4. Fl-ewwel seduta tat-2 ta' Novembru 2016, *inter alia* ġie vverbalizzat is-segwenti:

> *'L-Arbitru jirrileva li hemm il-Każi Nri. 28/2016, 347/2016, 26/2016, 381/2016 u 418/2016, li huma kollha dwar l-istess mertu u, bi qbil mal-partijiet, se jinstemgħu kollha f' daqqa, u **l-atti se jidħlu kollha fil-każ Nru. 28/2016**.'*

2.5. Bejn it-tieni u t-tielet seduta, il-partijiet għaddew diversi skambji lil xulxin, u fis-seduta tal-20 ta' Frar 2017, *inter alia* ġie vverbalizzat kif ġej:

> *'L-Arbitru, wara li ra l-korrispondenza li għaddiet bejn il-partijiet wara l-aħħar seduta, jinnota li l-partijiet jaqblu li maż-żieda tal-każi l-oħra li ssemmew fis-seduti preċedenti, il-każi 450/2016, 382/2016, 383/2016 u 384/2018, għandhom jiffurmaw parti wkoll mill-Każ 28/2016.'*

2.6. B' sentenza **<u>waħda</u>** mogħtija fit-23 ta' Frar 2018, l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji ddeċieda l-każ numru 028/2016 li kien ukoll jinkludi fih l-ilmenti numri 347/2016, 26/2016, 381/2016 u 418/2016. Dwar dan, fil-parti <u>preliminari</u> tal-imsemmija deċiżjoni jgħid hekk:

> *'Fl-ewwel seduta gie deciz anke bi qbil bejn il-partijiet li, peress li kien hemm diversi kazi fuq l-istess mertu, dawn kellhom jinghaqdu flimkien f'kaz wiehed u l-proceduri u l-atti kollha jiddahhlu fil-Kaz Nru. 028/2016. Ghalhekk, il-kazi l-ohra 347/2016, 26/2016, 381/2016 u 418/2016 kellhom jifformaw parti mill-Kaz 028/2016 u* ***tinghata decizjoni wahda ghalihom fil-Kaz Nru. 028/2016****.*[2]

L-Arbitru ikkunsidra mbgaħd **<u>l-eċċezzjonijiet preliminari</u>** sollevati mill-intimati billi:

- ċaħad l-ewwel, it-tieni u l-ħames eċċezzjoni u ddeċieda li għandu l-kompetenza jisma' u jaqta' dan il-każ;

- dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni abbażi tal-artikoli 1222 u 2153 tal-Kodiċi Ċivili ċaħad l-istess billi sab li: (i) mhuwiex il-każ li jiġi applikat l-Artikolu 1222 tal-Kodiċi Ċivili; u (ii) l-ilment joħroġ minn, u huwa bbażat essenzjalment fuq l-allegazzjoni ta' nuqqas ta' adempjenza kuntrattwali, filwaqt li l-eċċezzjoni a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili hija bbażata fuq preskrizzjoni relatata ma' azzjoni akwiljana;

- dwar l-eċċezzjoni li l-VFM u l-BOV mhumiex leġittimi kontradituri sab li huwa evidenti mill-Prospett Supplimentari li s-SICAV kienet il-kumpannija inkarigata mill-Fond, il-VFM kienet il-*manager* tal-Fond u l-BOV kien il-kustodju u li biegħ il-*units* tal-Fond mill-*branches* tiegħu. In kwantu kollha kemm huma daħlu f' obbligi kuntrattwali mal-ilmentaturi, l-Arbitru ddeċieda li kollha huma leġittimi kontradituri;

[2] Paġna 29 tad-deċiżjoni.

- dwar l-interess ġuridiku tal-ilmentaturi, l-Arbitru ddeċieda li l-ilmentaturi għandhom interess reali, attwali u personali li joħroġ mill-vjolazzjoni ta' dritt. Jgħid li l-ilment li għamlu jista' jipproduċi riżultat jew vantaġġ għalihom u huwa ġuridiku u bbażat fuq dritt pretiż u għalhekk, għandhom interess ġuridiku;

- dwar '*dak li qalu l-provdituri tas-servizzi finanzjarji li qed isostnu li l-każ huwa wieħed magħluq għaliex seħħet tranżazzjoni bejn il-partijiet liema tranżazzjoni għandha l-effett ta' res judicata bejn il-partijiet'* l-Arbitru kkonkluda li '*r-relazzjoni ġuridika li nħolqot bejn l-ilmentaturi u l-provdituri tas-servizz m'hijiex waħda regolata esklussivament mill-Kodiċi Ċivili, anzi kif ser jingħad aktar 'l quddiem, fejn si tratta relazzjoni bejn konsumatur u kummerċjant, japplikaw il-provedimenti tal-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u f' din ir-relazzjoni meta jintużaw espressjonijiet mhux ġusti, il-provedimenti tal-Kap. 378 jipprevalu fuq il-Kodiċi Ċivili u l-Kodiċi tal-Kummerċ.'* Dan b' referenza għall-artikolu 47B tal-Kap. 378;

- dwar l-aċċettazzjoni tal-Offerta, li skont il-provdituri tas-servizz tammonta għal kuntratt ta' transazzjoni finali bejn il-partijiet u għalhekk l-ilmentaturi ma setgħux iressqu l-ilment in diżamina, l-Arbitru kkonkluda li:

  > '*il-klawsoli tal-Offerta fil-bidu tagħha u l-klawsoli 2.9 u 3(a) tal-istess Offerta, kif ukoll fejn hemm li l-ilmentaturi kienu qed iċedu d-drittijiet litiġjużi tagħhom, jew li b' xi mod kienu qed iċedu kwalunkwe drittijiet li kellhom, għandhom jitqiesu klawsoli nġusti u pprojbiti u jitqiesu daqs li kieku qatt ma ddaħħlu.*
  >
  > *...*
  >
  > *L-Arbitru ma jarax li l-kuntratti ffirmati bejn l-ilmentaturi u l-provdituri tas-servizz ibbażati fuq din l-Offerta ma jistgħux jibqgħu jeżistu mingħajr il-klawsoli kunsidrati nġusti jew projbiti u l-istess kuntratti jibqgħu fis-seħħ mingħajr il-klawsoli dikjarati nġusti u projbiti kif 'l fuq spjegat.*
  >
  > *Ġialadarba dawn il-klawsoli qed jitqiesu li m'għandhom l-ebda effett, għalhekk qed jitqies li ma seħħet l-ebda tranżazzjoni bejn l-ilmentaturi u l-provdituri tas-servizz li teskludi lill-Arbitru milli jindaga l-mertu tal-każ.'*

Fil-**mertu**, l-Arbitru ddeċieda kif ġej:-

> *'Ghaldaqstant, l-Arbitru qed jilqa' l-ilment sakemm dan hu kompatibbli ma' din id-decizjoni u ai termini tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta jordna lil La Valette Funds SICAV p.l.c., lill-Bank of Valletta p.l.c., lil BOV Asset Management Ltd. (li hadet post il-Valletta Fund Management*

*Ltd.) in solidum bejniethom ihallsu kumpens lill-ilmentaturi ghat-telf li garrbu kif muri f'Appendici X, taht il-kolonna 'Kapital li ma thallasx lura', annessa ma' din id-decizjoni u li ghandha titqies bhala parti integrali minnha.*

*Bl-imghax legali mid-data ta' meta kull ilmentaturipprezenta l-ilment tieghu quddiem l-Arbitru sad-data tal-effettiv pagament.*

*L-ispejjez legali ta' dan il-kaz ghandhom jithallsu mill-istess provdituri tas-servizz.*

*Ghal dak li huwa twettiq ta' din id-decizjoni l-Arbitru jordna li l-kumpens lill-ilmentaturi ghandu jinghata minnufih. Il-provdituri tas-servizz ghandhom ikunu konxji li hafna mill-ilmentaturi huma nies avvanzati fl-età u ilhom jistennew dan il-hlas ghal hafna snin.*

*Il-provdituri tas-servizz huma operaturi kbar fis-suq lokali u bieghu l-LVMMPF fuq skala estensiva fejn gew affettwati hafna klijenti zghar u, ghalhekk, ghandhom igorru r-responsabbiltà socjali taghhom.*

*Kemm ir-regoli li kienu japplikaw fiz-zmien li sar l-investiment kif ukoll illum, anke wara li dahlu fis-sehh Direttivi godda, operatur tas-servizz fil-qasam tas-servizzi finanzjarji ghandu jhares il-principju ewlieni li jrid jagixxi dejjem b'mod professjonali, gust, u fl-ahjar interessi tal-konsumatur u tas-suq.*

*Filwaqt li t-tmexxija tal-provdituri tas-servizz huma mistennija jaspiraw li l-kumpaniji taghhom jaghmlu profitt xieraq, daqstant iehor ghandhom ir-responsabbiltà li jipprotegu l-integrità u r-reputazzjoni tal-istituzzjoni finanzjarja li huma jmexxu. In-nuqqas ta' twettiq immedjat ta' din id-decizjoni jista' jwassal ghal riskju fit-telf tar-reputazzjoni (reputational risk) ta' din l-istituzzjoni finanzjarja li wkoll ghandu valur kbir. Ir-riskju fit-telf tar-reputazzjoni f'dan il-kuntest tista' ggorr maghha responsabbiltà manigerjali li t-tmexxija tal-provdituri tas-servizz involuti ghandhom ikunu konxji minnha.*

*Dan il-kaz ilu jkarkar is-snin u t-tmexxija tal-provdituri tas-servizz odjerni ghandhom okkazjoni b'din id-decizjoni biex jaghlqu dan il-kaz mal-ilmentaturi darba ghal dejjem.'*

3. L-intimati kollha appellaw '***mid-deċiżjoni tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji tat-23 ta' Frar 2018 fil-każ bin-numru u l-okkju premess.***' Jilmentaw li l-Arbitru kompletament skarta jew ma tax każ ta' numru t' eċċezzjonijiet u sottomissjonijiet minnhom sollevati. Fil-parti '*D*' tar-rikors tal-appell, l-appellanti jagħtu s-sunt segwenti tal-aggravji tagħhom:

   i. l-Arbitru għamel apprezzament żbaljat tal-liġi meta ddeċieda li għandu kompetenza li jisma' u jiddeċiedi l-ilment tal-ilmentaturi minkejja li:

      (i.i) dan kien diġà tranżatt;

(i.ii) skont il-Kap. 378, l-affarijiet dwar il-konsumatur huma vestiti fit-Tribunal tal-Affarijiet tal-Konsumatur u l-Qrati Ċivili, skont il-valur tal-ilment;

(i.iii) l-kompetenza tiegħu hija regolata biss u esklussivament bil-Kap. 555 mingħajr ebda kunsiderazzjoni ta' liġijiet oħra;

ii. l-Arbitru għamel apprezzament żbaljat ta' liġi meta ddeċieda, jekk iddeċieda l-punt, li l-ilment ma kienx frivolu u vessatorju skont l-Artikolu 21(2)(ċ) tal-Kap. 555;

iii. L-Arbitru għamel apprezzament ħażin tal-liġi u tal-fatti meta ċaħad l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni kemm ai termini tal-arikolu 1222 tal-Kap. 12 kif ukoll *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kap. 12;

iv. L-Arbitru għamel apprezzament ħażin tal-fatti u tal-liġi meta ddeċieda li jwarrab l-klawsoli kompromissorji (u fost oħrajn) mill-kuntratt ta' transazzjoni billi warrab l-oġġett tal-kuntratt (b' applikazzjoni ħażina tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 378) filwaqt li, fl-istess ħin, qa li żamm l-istess kuntratt fis-seħħ iżda fir-realtà ħoloq kuntratt fidderenti minn dak li kollhom f' moħħhom il-partijiet;

v. L-Arbitru għamel apprezzament ħażin tal-fatti u tal-liġi meta ddeċieda li l-appellanti kienu kisru IR(v), fost oħrajn meta:-

(v.i) mingħajr ma ċaħad it-talba tal-appellanti formalment biex ma jieħux konjizzjoni tar-rapport ta' Paul Bonello bħala *espert ex parte*, l-Arbitru straħ fuq l-istess rapport biex wasal għall-konklużjonijiet tiegħu fir-rigward tal-ksur tal-IR(v);

(v.ii) meta ċaħad talba speċifika biex Senior Partner ta' KPMG Tonio Żarb jitħalla jagħti spjegazzjonijiet u kjarifiċi dwar ir-rapport minnu preżentat bħala espert imressaq *ex parte* mill-appellanti u ma tax il-piż mistħoqq lil dan l-istess rapport;

(v.iii) meta straħ fuq rapport tal-MFSA li kien sar f' ċirkostanzi differenti minn dawk li kellu quddiemu l-Arbitru, u mingħajr ma l-Arbitru għamel il-kunsiderazzjonijiet tiegħu dwar il-kwistjoni fiċ-ċirkostanzi;

(v.iv) f' kull każ meta ddeċieda li l-ilmentaturi għandhom raġun dwar l-IR(v);

vi. l-Arbitru għamel apprezzament ħażin kemm tal-fatti kif ukoll tal-liġi meta ddeċieda dwar l-ilment ta' Victoria Giordmaina li kienet għamlet kompromess mal-Bank mhux bħala konsegwenza tal-offerta u aċċettazzjoni ta' Mejju-Ġunju 2011, iżda wara negozjati speċifiċi mal-Bank fejn kienet debitament rappreżentata, u allura ma jistax l-arbitru jitfa' dan l-istess każ fl-istess keffa mal-oħrajn;

vii. f' kul każ, l-Arbitru żbalja fil-kalkoli tal-kumpens.

4. L-appellata wieġbet illi d-deċiżjoni tal-Arbitru hija ġusta u timmerita konferma minn din il-Qorti.

5. Fit-22 ta' Jannar 2019 '*L-intimati kollha ... ai termini tal-artikolu 2112 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta*' ippreżentaw nota li biha ddikjaraw:

> ***'i.*** *Il-La Valette Funds SICAV p.l.c. teċċepixxi l-**preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16; u***
>
> ***ii.*** *Fir-rigward tal-Bank of Valletta p.l.c. u BOV Asset Management Ltd, l-Arbitru ddeċieda illi teżisti relazzjoni kuntrattwali bejnhom u l-appellati. Jekk din l-Onorabbli Qorti taqbel mad-deċiżjoni tal-Arbitru fuq dan il-punt, il-Bank of Valletta p.l.c. u BOV Asset Management Ltd ukoll jeċċepixxu **l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16**, u dan mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tagħhom li ma kienet teżisti l-ebda relazzjoni kuntrattwali mal-appellanti.'*

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>.**

<u>ID-DEĊIŻJONI APPELLATA</u>

6. Għalkemm l-appellata ma qajmet l-ebda aggravju f' dan is-sens, il-qorti tibda billi tagħmel riferenza għall-okkju tar-rikors tal-appell li jaqra: '***Fl-atti tal-każ bin-numru 026/2016 quddiem l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji: Gravino Anthony (decd) u Maria Carmela, ID 0300136M u 0225837M vs. La Valette Funds SICAV p.l.c. (SV1), Bank of Valletta p.l.c. (C2833), Valletta Fund Management Ltd. (C18603) li mit-22 ta' Novembru 2016 bdiet tissejjaħ BOV Asset Management Ltd'.*** L-Arbitru ma tax sentenza b'dak l-okkju.

7. Fil-parti inizjali tal-appell tagħhom l-appellanti jgħidu li:

> '*Dan huwa appell mid-deċiżjoni tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji tat-23 ta' Frar 2018 **fil-każ bin-numru u l-okkju premess**. B'deċiżjoni tal-arbitru tat-2 ta' Novembru 2016 u 20 ta' Frar 2017, l-ilmenti bin-numri 028/2016, 347/2016, 26/2016, 381/2016, 418/2016, 450/2016, 382/2016, 383/2016 u 384/2016 ġew konnessi.'*

8. Effettivament jirriżulta li l-Arbitru ta deċiżjoni **waħda** bin-numru 028/2016 u fl-okkju tagħha niżżel, *inter alia,* isem l-appellata u ta' żewġha li hu mejjet. Fil-parti preliminari ta' dik id-deċiżjoni jgħid kif ġej:

> *'Fl-ewwel seduta gie deciz anke bi qbil bejn il-partijiet li, peress li kien hemm diversi kazi fuq l-istess mertu, dawn kellhom jinghaqdu flimkien f'kaz wiehed u l-proceduri u l-atti kollha jiddahhlu fil-Kaz Nru. 028/2016. Ghalhekk, il-kazi l-ohra 347/2016, 26/2016, 381/2016 u 418/2016 kellhom jiffurmaw parti mill-Kaz 028/2016 **u tinghata decizjoni wahda ghalihom fil-Kaz Nru. 028/2016**.*
>
> *Bejn it-tieni u t-tielet seduta, il-partijiet ghaddew diversi skambji lil xulxin, u fis-seduta tal-20 ta' Frar 2017, gie miftiehem illi kazi ohra li kellhom l-istess mertu kellhom ukoll jiffurmaw parti mill-Kaz Nru. 028/2016. Dawn il-kazi li gew inkluzi huma: 450/2016, 382/2016, 383/2016 u 384/2016.'*

9. Isegwi minn dan illi:

   i. **ma teżisti l-ebda deċiżjoni fl-ismijiet:- '*Gravino Anthony (decd) u Maria Carmela, ID 0300136M u 0225837M vs La ValetteFundsSICAV p.l.c. (SV1), Bank of Valletta p.l.c. (C2833), Valletta Fund Management Ltd. (C18603) li mit-22 ta' Novembru 2016 bdiet tissejjaħ BOV Asset Management Ltd*'**; u

   ii. **l-appellanti ppreżentaw b'kollox disa' appelli mid-deċiżjoni tat-23 ta' Frar, 2018 meta faċilment setgħu jippreżentaw appell wieħed.**

10. F'kull każ a tenur tal-Artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta:

> *'(2) Kull qorti fi grad ta' appell tista' wkoll tordna jew tippermetti, f'kull żmien sas-sentenza, li jissewwa kull żball fir-rikors li bihom ikun tressaq l-appell jew fit-tweġiba, kif ukoll kull żball fl-isem tal-qorti li tkun tat is-sentenza appellata, jew f'dak tal-partijiet, jew fil-kwalità li fiha huma jidhru, jew fid-data tas-sentenza appellata:'*

11. Huwa evidenti li għalkemm l-appell huwa limitat għall-ilment 026/2016 ippreżentat minn Maria Carmela Gravino, l-appellanti qegħdin effettivament jappellaw mid-deċiżjoni tat-23 ta' Frar 2018 fl-ismijiet '***Finco Treasury Management Ltd. ghall-kont u beneficcju tal-Provincja Maltija tal-Agostinjani et vs vs La Valette Funds SICAV p.l.c. (SV1) et***.

12. Għaldaqstant, a tenur tal-artikolu 175 tal-liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tordna li l-okkju tal-appell ikun l-okkju kollu tad-deċiżjoni appellata. Ovvjament l-appell li qiegħed jiġi deċiż b'din is-sentenza jolqot il-pretensjoni ta' Gravino.

**<u>L-Ewwel Aggravju.</u>**

13. F'parti '***E***' tal-appell tagħhom, l-appellanti jilmentaw li l-Arbitru għamel apprezzament żbaljat tal-liġi meta ddeċieda li għandu kompetenza li jisma' u jiddeċiedi l-ilment tal-ilmentaturi minkejja li bejn il-partijiet kienet saret transazzjoni. Jinsistu li dik id-difiża kienet ibbażata fuq it-Titolu XIII tal-Kap. 16 tal-Liġjiet ta' Malta, b' mod partikolari l-artikolu 1729 li jipprovdi kif ġej:

> *'1729. (1) It-transazzjoni għandha, bejn il-partijiet, is-setgħa ta' sentenza li għaddiet f'ġudikat.*
>
> *(2) Ma tistax tiġi attakkata minħabba żball ta' liġi.'*

14. Jilmentaw dwar il-mod kif l-Arbitru skarta dik id-difiża meta kkonkluda li hemm klawżoli fil-ftehim li, '*qed jitqiesu li m' għandhom l-ebda effett, għalhekk qed jitqies li ma seħħet l-ebda transazzjoni bejn l-ilmentaturi u l-provdituri li teskludi lill-Arbitru milli jindaga l-każ.*' L-Arbitru wasal għal dik il-konklużjoni wara li kkonkluda li:

(i) it-transazzjoni hija '*marbuta*' u '*ħaġa waħda*' mal-investiment inizjali;
(ii) il-Kap 378 japplika f'każ ta' transazzjoni;
(iii) skont l-artikolu 44 tal-Kap. 378, il-klawsoli 2.9 u 3(a) tal-Offerta għandhom jitqiesu klawżoli nġusti u pprojbiti u jitqiesu daqs li kieku qatt ma ddaħħlu;
(iv) l-inklużjoni ta' dawk il-klawżoli fl-Offerta f'ċirkostanzi fejn l-ilmentaturi ma kellhom ebda possibilità li jinnegozjaw il-ftehim huwa inkompatibbli ma kull ħtieġa ta' *buona fede*; u
(v) il-kuntratt ibbażat fuq l-Offerta baqa' fis-seħħ mingħajr il-klawżoli dikjarati inġusti u projbiti.

15. L-appellanti jilmentaw li l-Arbitru agħżel li jiskarta l-liġi tal-kuntratti biex jasal fejn ried jew kellu jasal billi injora disposizzjoni essenzjali tal-liġi li jistrieħ fuqha hu stess. Qalu wkoll li, mingħajr preġudizzju għall-fatt li l-Kap. 378 ma japplikax għal kuntratt ta' transazzjoni, il-*proviso* tal-artikolu 45(2) tal-Kap. 378 (bażat fuq l-artikolu 4 tad-Direttiva 93/13) jipprovdi illi:

> *'Iżda safejn hi miktuba b' lingwa kif ordinarjament mitkellma u intelliġibli li tista' tiftiehem, l-evalwazzjoni jekk espressjoni hijiex ġusta ma għandhiex tkun relatata –*
>
> *(a)* ***mat-tifsira tal-oġġett prinċipali tal-kuntratt****, jew*
> *(b) mal-adegwatezza tal-prezz jew rinumerazzjoni, meta mqabbla mal-oġġetti jew is-servizzi pprovduti għaliha.'*

16. Għalhekk jikkontendu li l-Arbitru żbalja mhux biss għaliex m'applikax is-subinċiż (a) tal-*proviso* imma żbalja wkoll taħt is-subinċiż (b) meta kkunsidra li l-prezz bħala inġust. Skont l-appellanti l-konklużjonijiet tal-Arbitru huma legalment inkonċepibbli:

> *'103. Huwa kompletament assurd (u għalhekk mhux permess mil-liġi) li tgħid, kif qal l-Arbitru, li transazzjoni hi nġusta u, konsegwentement, mhix transazzjoni. Apparti l-kwistjoni tas-suppost inġustizzja tat-transazzjoni ... il-konsegwenza tad-dikjarazzjoni li t-transazzjoni ma jistax ikollha effett iktar bħala tali tfisser bilfors li t-transazzjonijiet twarrbu, u, minflokhom ġew maħluqa kuntratti ġodda (għaliex, formalment, il-partijiet ma tpoġġewx fil-posizzjoni tagħhom qabel ma saru t-transazzjonijiet).*
>
> *104. X'inhuma dawn il-kuntratti, impossibbli tgħid. Jidher li l-Arbitru ħassar l-aċċettazzjoni a saldu tal-ħlas li sar mill-Bank, imma ma ħassarx il-ħlas fih innifsu: dan l-ilmentaturi żammewh. Mhux ċar jekk ħassarx il-bejgħ tal-ishma lill-Bank. Jekk ħassru, allura it-titolu ta' dak li ħallas il-bank sar kumpens akkont? Jew xi forma ta' donazzjoni, forsi? Jekk ma ħassrux. kif jista' jreġġi l-każ tal-investituri la darba t-titolu għadda?*
>
> *105. Il-Kap. 378, anki jekk japplika, mhux intiż biex jinbidel in-negozju bejn konsumatur u provditur tas-servizz jew ta' oġġett. Qiegħed hemm biex, jekk hemm kondizzjonijiet anċillari għal dawk li jikkaratterizzaw in-negozju li huma nġusti, dawn jitwarrbu ...'*

17. L-appellanti jinsistu li l-appellata kellha l-għażla li ma taċċettax l-Offerta u tipproċedi b'kawża l-Qorti, iżda ma setgħetx taċċetta l-Offerta u fl-istess nifs tippretendi li tkompli tivvanta drittijiet u pretensjonijiet fil-konfront tal-appellanti. Jemfasizzaw ukoll li l-appellata kellha f' idejha biżżejjed informazzjoni biex tressaq kawża kieku riedet hekk kif jirriżulta mill-protesti dettaljati li tressqu fl-2010 u fl-2011 u filfatt, fost l-ilmentaturi li aċċettaw l-Offerta kien hemm il-konsulenti tagħhom. Jikkontendu li meta saret l-Offerta ma kienx hemm rapport finali tal-MFSA u l-Bank ta lill-ilmentaturi l-informazzjoni li kellu dak iż-żmien, fis-sens li l-MFSA kienet qed tieħu posizzjoni kuntrarja għal dik li ħa l-bank. Kien imbagħad

fil-15 ta' Ġunju 2011, qabel ma għalqet l-Offerta tal-Bank, li l-MFSA ippubblikat fuq is-sit elettroniku tagħha estratt tar-rapport finali u bagħtet l-istess bil-posta. Jgħidu li sussegwentement, fis-26 ta' Ġunju 2011 il-konsulenti tal-ilmentaturi organizzaw laqgħa għalihom sabiex jiddiskutu l-Offerta u taw parir lill-investituri jaċċettaw l-Offerta kif għamlu huma stess.

18. L-appellanti jkomplu jilmentaw li transazzjoni ma tistax tiġi sindikata taħt il-Kap. 378 u lanqas taħt il-Kap. 555. Jisħqu li kuntratt ta' transazzjoni ma jitqiesx bħala tali mingħajr klawżoli kompromissorji, u l-effett ta' l-istess huwa stat ta' *res judicata* sakemm dik it-transazzjoni ma tiġix impunjata quddiem il-Qrati ordinarji, ħaġa li ma ġietx ittentata mill-appellata.

19. Argumentaw ukoll li hu biss it-Tribunal għat-Talbiet tal-Konsumatur jew il-Qrati ordinarji li jistgħu jiddeċiedu kwistjonijiet taħt il-Kap. 378 b'dan illi l-Arbitru kellu jirrikonoxxi li tali materja teżorbita mill-kompetenza tiegħu.

20. L-appellanti isostnu wkoll li l-appellata mhijiex '*klijenti eliġibbli' a tenur* tal-Kap. 555. Jargumentaw li '*l-offerta u s-sussegwenti aċċettazzjoni tagħha, u allura t-transazzjoni, li hija l-oġġett tal-ilment, mhix xi prodott finanzjarju u allura ir-relazzjoni ġuridika naxxenti mill-offerta bejn l-ilmentaturi u l-BOV, bl-ebda mod ma tista' taqa fil-parametri ta' din it-tifsira, għaliex permezz ta' din l-offerta l-bank la kien qiegħed joffri li jipprovdi xi servizz finanzjarju, u lanqas kien mitlub jipprovdi xi servizz finanzjarju'.*

21. Finalment, l-appellanti argumentaw li l-Arbitru kellu jiddeklina milli jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu inkwantu l-ilment tal-appellata wara transazzjoni kellu jiġi dikjarat frivolu u vessatorju.

22. Din il-Qorti tibda billi tosserva li in linea ġenerali, l-fatti *per se* ma jirriżultawx kontestati. Fil-meritu l-kwistjoni bejn il-partijiet, apparti kwistjonijiet legali sollevati quddiem l-Arbitru, hija l-interpretazzjoni tal-IR(v). Fil-qosor dawk l-iktar rilevanti huma:-

- Il-*La Valette Multi Manager Property Fund' (il-'**Fond**')* kien stabbilit f' **Settembru** tal-**2005** bħala sottofond tal-*La Valette Funds SICAV plc* (*is-**SICAV**)* u kien tajjeb biex jinbiegħ lill-*experienced investors*;

- il-Valletta Fund Management Ltd. (***VFM***) u l-Bank of Valletta p.l.c. (***BOV***) kienu rispettivament il-Manager tal-amministrazzjoni ġenerali

tas-SICAV u tal-Fond filwaqt li l-BOV ġie inkarigat bħala *Custodian* tas-SICAV u tal-Fond;

- il-BOV kien ukoll intermedjarju, biegħ u ta pariri lill-investituri tal-Fond, u kien inkarigat mid-distribuzzjoni tal-ishma fil-Fond. Insight Investment Management Ltd. kienu ingaġġati mill-VFM bhala '*Sub-Investment Manager*' sabiex ikunu jistgħu jinvestu l-assi tal-Fond;

- dan il-Fond kien liċenzjat mill-MFSA bħala fond li kellu jinbiegħ bħala *Professional Investor Fund* (***PIF***) lill-investituri ta' esperjenza u dan skont il-liġijiet, regoli, kundizzjonijiet tal-liċenzja u *guidelines* li għandhom x'jaqsmu ma' investimenti ta' dan it-tip;

- l-appellata u żewġha kienu *experienced investors* li nvestew €18,000 f'ishma fil-Fond. Dan jirriżulta mid-dettalji li jifformaw parti mill-ilment tal-appellata;

- skont is-*Supplementary Prospectus* tal-1 ta' Settembru 2005 u l-Prospetti Supplimentari l-oħra li segwewh,[3] l-għan tal-Fond ġie deskritt bħala wiehed li jinvesti fil-proprjetà biex jiggarantixxi lill-investituri tiegħu dħul u tkabbir fil-kapital billi jinvesti f'fondi oħra ta' investimenti li jinvestu fil-proprjetà;

- skont l-istess *Supplementary Prospectuses* kien hemm diversi restrizzjonijiet, fosthom, restrizzjoni kif jinvestu li kienet taqra hekk:

> ***'The limit on the level of gearing that the Fund's underlying real estate property funds may be exposed to is a maximum of 100% of their respective net assets.'***[4]

- inizjalment, l-appellanti rrapurtaw tkabbir kapitali fil-Fond:

> '*Fund Performance*
> *During the period from 30 September 2006 to 31 March 2007, the share price of the La Valette Multi Manager Property Fund increased by 4.24% from Euro1.1133 to Euro 1.606. As from launch on the 13 September 2005 to 31 March 2007, the share price increased by 16.06% from Euro1.000 to Euro 1.1606.'*[5]

---

[3] Dok AL(i) – (vii), file Three B.
[4] Dok AL(i) paġna 11, file Three B – l-istess *investment restriction* li tinsab ukoll fil-prospetti sussegwenti Dok AL (ii) – (vii).
[5] Paġna 29 tal-***La Valette Funds SICAV p.l.c.***, *Interim Report and Financial Statements for the period ended 31 March 2007*, Dokument AA.b, file Three A.

- iżda sussegwentement, il-prezz ta' kull sehem beda nieżel:

> '*Fund Performance*
> *During the period from 30 September 2007 to 31 March 2008, the share price of the La Valette Multi Manager Property Fund decreased by 2.76% from [Euro]1.1474 to [Euro] 1.1157. As from launch on the 13 September 2005 to 31 March 2008, the share price increased by 11.57% from [Euro]1.000 to [Euro] 1.1157.'*[6]

- sas-7 t' Awissu 2008, in-*net asset value per share prices* tal-Fond niżel għal €1.0654;[7]

- **permezz ta' ċirkolari tal-VFM datata 7 t' Awissu 2008,[8] il-Valletta Fund Management Ltd (il-'*VFM*') avżat lill-investituri tal-Fond li kien qed jiġi temporanjament sospiż il-fidi mill-Fond b' effett mit-8 t' Awissu 2008**;

- il-prezz tal-ishma baqa' nieżel u sal-5 ta' Mejju 2009 il-prezz rapurtat kien ta' €0.8219 għal kull sehem;[9]

- fil-*Manager's Report* tal-***La Valette Funds SICAV p.l.c.***, *Interim Report and Financial Statements for the period ended 30 September 2009*[10] kien rapportat:

> '*Fund Performance*
> *The determination of the Net Asset Value has been temporarily suspended with effect from 5 May 2009.*
>
> *During the period from 30 September 2008 to 21 April 2009, being the last dealing day of the Fund prior to suspension, the share price of the La Valette Multi Manager Property Fund decreased by 20.11% from €1.0288 to €0.8219. As from launch on the 13 September 2005 to 21 April 2009, the share price decreased by 17.81% from €1.0000 to €0.8219.'*

- minn Awwissu 2010 'l quddiem ġew ippreżentati diversi protesti ġudizzjarji minn investituri varji, fosthom l-appellata u żewġha llum mejjet, kontra l-appellanti li da parti tagħhom wieġbu b' kontro-

---

[6] Paġna 28 tal-***La Valette Funds SICAV p.l.c.***, *Interim Report and Financial Statements for the period ended 31 March 2008*, Dokument AA.c, file Three A.
[7] Dokument Y.i, Paragrafu (xi).a, file Three A.
[8] Dokument AB, file Three B.
[9] Dokument Y.i, Paragrafu (xi).b, file Three A.
[10] Paġna 28 ta' Dokument AN (iv), file Four A.

protesti.[11] Dak ippreżentat mill-appellata u żewġha, fost ħafna nvestituri oħra, iġib id-data tas-**17 t' Awissu 2010**[12] u permezz tal-istess sostanzjalment jilmentaw li minn diversi mankanzi li skonthom kellhom is-SICAV, l-VFM u l-BOV fl-amministrazzjoni u l-monitoraġġ tal-Fond u dan speċjalment fil-kuntest ta' nuqqas ta' aderenza mal-*investment restrictions* li kienu marbuta bihom, senjatament l-livell ta' *gearing* permess. Jilmentaw ukoll li l-appellanti naqsu milli jirrapurtaw dwar dawn in-nuqqasijiet u dwar l-iżviluppi fl-investimenti tal-Fond u l-istat finanzjarju tiegħu lill-investituri u lill-MFSA, bi ksur tad-doveri tagħhom. L-appellati ppreżentaw protest ġudizzjarju ieħor kontra d-diretturi tas-SICAV fis-**7 t' Ottubru 2010**[13] fejn jisħqu li l-ksur ta' l-*Investment Restrictions* fl-*Offering Document* jikkonċerna partikolarment il-ksur tal-*Investment Restriction* fir-rigward tal-*gearing* permess fil-konfront tal-*underlying funds* li kellu jinvesti fihom il-Fond, liema *investment restriction* fil-fehma tagħhom inkisret almenu fir-rigward ta' disa' underlying funds li fihom investa l-Fond. Fl-istess protest jgħidu li t-telf massiv li sofra l-Fond kien konsegwenza diretta tal-*gearing* eċċessiv li l-*underlying funds* li s-SICAV daħlet fihom kienu esposti għailh b' dan illi uħud mill-investimenti ġew imxejjna għal kollox a skapitu tal-investituri li tilfu parti sostanzjali tal-kapital tagħhom oltré telf ta' qliegħ fuq l-investiment tagħhom;

- da parti tagħhom, l-appellanti sostnew li l-miżura jew kalkolu użat mill-ilmentaturi hu żbaljat u l-persentaġġi li kkalkolaw huma żbaljati;[14]

- jidher li konsegwenti għal dan, l-MFSA bdiet sensiela ta' investigazzjonijiet konnessi mal-Fond u l-operat tiegħu. Skont l-appellanti, fit-**2 ta' Frar 2011** l-MFSA innotifikat lill-BOV b'rapport preliminari dwar l-investigazzjoni tagħha dwar l-applikazzjoni ta' l-IR(v) fejn jingħad li skont l-MFSA l-imsemmija *investment restriction* kienet qed tiġi applikata ħażin u b' hekk talbet lill-appellanti biex jagħmlu r-rappreżentazzjonijiet tagħhom liema rappreżentazzjonijiet intbagħtu lill-MFSA fit-3 ta' Marzu 2011. L-MFSA wieġbet għal dawn ir-rappreżentazzjonijiet fil-5 ta' Mejju 2011 billi nfurmat lill-appellanti li ma deherilhiex li kellha tbiddel l-posizzjoni tagħha u li kienet qed tikkunsidra

[11] File Five A.
[12] Dokument F2, file Five A.
[13] Dokument F8, file Five A.
[14] Dokument F.11, file Five A.

timponi penali amministrattiva sostanzjali fuqhom. Igħidu li l-MFSA tathom sas-6 ta' Ġunju 2011 sabiex jagħmlu sottomissjonijiet ulterjuri;

- permezz ta' ittra datata **6 ta' Mejju 2011**[15] l-investituri lmentaturi ssolleċitaw lill-MFSA tipprovdilhom ir-rapporti tagħha dwar l-investigazzjonijiet minnha mwettqa fil-konfront tal-appellanti odjerni;

- fis-**26 ta' Mejju 2011**, bl-għan li tiġi riżolta l-vertenza mal-investituri, il-BOV ressaq offerta ('***l-Offerta***') għax-xiri tal-ishma tal-investituri fil-Fond bil-prezz ta' €0.75 kull sehem, liema Offerta kienet valida sat-30 ta' Ġunju 2011 u kienet timponi diversi kundizzjonijiet, fosthom li min jaċċetta l-offerta jkun qiegħed jitrasferixxu lill-BOV l-ishma bis-surroga tad-drittijiet, benefiċċji u pretensjonijiet li huma kellhom fuq l-istess.[16] Skont l-appellanti l-prezz offrut kien jirrappreżenta: (i) l-valur tal-kull sehem dak iż-żmien, ossija €0.50, **u** (ii) kumpens addizzjonali ta' €0.25 kull sehem għall-andament inferjuri tal-Fond meta komparat ma fondi oħra simili f'Malta u fl-Ewropa abbażi ta' studju mħejji minn *Pricewaterhouse Coopers* li kienu ġew ingaġġati mill-appellanti sabiex jagħmlu tali analiżi;

- permezz ta' ittra datata **30 ta' Mejju 2011**,[17] filwaqt li l-investituri lmentaturi rreferew għall-Offerta kondizzjonali li saritilhom mill-BOV, reġgħu ssolleċitaw lill-MFSA sabiex a tenur tal-artikolu 19(2) tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta tipprovdilhom ir-rapporti tagħha dwar l-investigazzjonijiet minnha mwettqa fil-konfront tal-appellanti odjerni;

- fil-**15 ta' Ġunju 2011** l-MFSA imponiet multa amministrattiva ta' €149,821 fuq il-VFM wara li *inter alia* ġiet meqjusa '*as having wrongly applied investment restriction (v) which is laid down in the Supplementary Prospectus and which prohibits the Fund from investing in underlying funds that may be leveraged more than 100% of the 'net assets' being 'total assets less total liabilities'*. Fl-istess data ġiet imposta ukoll multa amministrattiva ta' €197,995 fuq il-BOV, *qua* kustodju tal-Fond, wara li tqies '*to have wrongly applied and wrongly monitored the application by others of investment restriction (v) which is laid down in the Supplementary Prospectus and which prohibits the Fund from*

[15] Dokument AY, file Four B.
[16] Dokument AS.ii u AS.iii, file Four A.
[17] Dokument AZ, file Four B.

*investing in underlying funds that may be leveraged more than 100% of 'net assets' being 'total assets less total liabilities'.*[18]

- l-appellata u żewġha ppreżentaw protest ieħor fis-**17 ta' Ġunju 2011**,[19] din id-darba kontra l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u l-Avukat Ġenerali fejn sostanzjalement irreferew għan-numru ta' lmenti minnhom mressqa quddiem l-istess Awtorità fir-rigward tal-Fond, is-SICAV, l-VFM, l-VFS u l-BOV. Saħqu li sal-31 ta' Mejju 2011 ma rċevew l-ebda risposta sostantiva mingħand l-Awtorità dwar l-istess, dan minkejja żewġ ittri datati 6 u 31 ta' Mejju 2011 sabiex jingħataw kopja tar-rapporti investigattivi relattivi, liema informazzjoni eżiġew bħala dritt *qua* azzjonisti lmentaturi. Minkejja dan, qalu li permezz ta' ittra mibgħuta lilhom mill-BOV, saru jafu li l-istess BOV kien irċeva ta' l-inqas rapport wieħed mingħand l-istess Awtorità fir-rigward tal-ksur tar-restrizzjonijiet tal-investiment dwar il-*gearing* permess u li l-BOV kien qed jistenna li jirċievi rapporti oħra mingħand l-Awtorità dwar prattiċi nġusti ta' bejgħ u fidi allegatament sospettuż ta' ammont konsiderevoli ta' ishma fil-Fond li seħħ immedjatament qabel is-sospensjoni tal-Fond fis-7 t' Awissu 2008. Saħqu li effettivament, fil-15 ta' Ġunju 2011, is-sit uffiċjali tal-istess Awtorità rrapporta li kienu għaddew 30 jum minn meta r-rapport intbagħat lill-BOV u lill-VFM u tħabbru s-sanzjonijiet relattivi imposti mill-Awtorità. **Komplew li l-Offerta li tal-BOV saret fid-dawl tal-imsemmi rapport investigattiv u jekk huma ma jingħatawx kopja tal-istess l-Awtorità tkun qegħda tippreġudika l-interessi tagħhom u tiddiskrimina kontra tagħhom a favur tal-BOV. Żammew għalhekk lill-Awtorità responsabbli għad-danni**;

- skont rapport maħruġ mill-Awtorità ta' Malta għas-Servizzi Finanzjarji bl-isem *'Report on the MFSA's investigation on the manner in which Valletta Fund Management Limited ('VFM') fulfilled its duties with regards to compliance with the La Valette Multi-Manager Property Fund's ('the Fund') investment restrictions'* datat **24 ta' Ġunju 2011**,[20] VFM instabet: (a) '*as having wrongly applied the Fund's investment restriction (v) and as having therefore fallen short of the level of care and diligence required of Licence Holders with regard to their conduct of business*'; (b) '*the nature of the checks, which according to VFM were being carried out (by VFM/VFS) over Insight's activity, are not*

[18] Dok AO u AP, file Four A.
[19] Dokument F.15, file Five A.
[20] Dok AQ, file Four A.

*considered sufficient for properly monitoring that Insight was complying with investment restriction (v). Therefore MFSA considers VFM to be in breach of SLC1.02 of Part D of the ISG and SLC 4.05 of Part C of the ISR.';* (c) '*record keeping deficiencies on the part of VFM were also identified'* , '*VFM has failed to retain documentary evidence of its procedures and checks used to monitor the level of performance of its delegates or any records/evidence pertaining to the post-trade checks to ensure that the acquired assets fell within the Fund's objectives, policies and investment restrictions'.* Konsegwentement imponiet multa amministrattiva ta' €149,821 fuq il-VFM filwaqt li ppremettiet li skont il-liġi d-deċiżjoni tagħha setgħet tiġi appellata;

- skont rapport ieħor maħruġ mill-Awtorità ta' Malta għas-Servizzi Finanzjarji bl-isem *'Report on the MFSA's investigation on the manner in which Bank of Valletta plc ('BOV') fulfilled its duties with regards to the monitoring and compliance with the La Valette Multi-Manager Property Fund's ('the Fund') investment restrictions'* datat **24 ta' Ġunju 2011**,[21] instab li l-BOV: (a) '*is considered as having wrongly applied the Fund's investment restriction (v) and as having therefore fallen short of the level of care and diligence required of Licence Holders with regard to their conduct of business'*; (b) '*did not have the proper procedures in place to monitor compliance by VFM and Insight with the Fund's leverage investment restriction (v) to enable accurate reporting in the annual Custodian Reports to unit-holders*; (c) '*record keeping deficiencies on the part of BOV were also identified'.* Konsegwentement imponiet multa amministrattiva ta' €197,995 fuq il-BOV filwaqt li ppremettiet li skont il-liġi d-deċiżjoni tagħha setgħet tiġi appellata;

- l-appellata u żewġha ppreżentaw protest ieħor kontra l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u l-Avukat Ġenerali fis-**26 ta' Ġunju 2011**[22] fejn għal darb'oħra l-appellati rreferew għall-Offerta li saritilhom mill-BOV u l-fatt li kienet għadha ma ngħatatilhomx kopja tar-rapport investigattiv li saret referenza għalih fl-istess offerta minkejja l-Awtorità kienet ħabbret li bi ħsiebha tibgħatilhom kopja tal-istess. Jgħidu ukoll li minkejja li l-Offerta kienet tagħlaq fit-30 ta' Ġunju 2011, u jekk jaċċettawha jkollhom iċedu kwalunkwé dritt jew pretensjoni kontra l-BOV, l-VFM u l-VFS, kien hemm investigazzjonijiet oħra li kienu għadhom pendenti. Ikkontendew għalhekk li d-drittijiet tagħhom *qua*

[21] Dok AR, file Four A.
[22] Dokument F.16, file Five A.

investituri qed jiġu leżi stante li ma setgħux jaġixxu *on a fully informed basis* fir-rigward tal-Offerta li saritilhom mill-BOV, liema Offerta skonthom ma kinitx waħda ġusta, la fit-termini u fil-kundizzjonijiet u lanqas fil-prezz u ż-żmien qasir li ngħatalhom biex jiddeċiedu jaċċettawiex o meno meta ma kellhomx l-informazzjoni meħtieġa f' idejhom. Saħqu li l-Awtorità għandha d-dmir u l-obbligu tħares l-aspettattivi leġittimi tal-konsumaturi għas-servizzi finanzjarji;

- skont *Media Release* maħruġa mill-MFSA fit-3 ta' Novembru 2011:[23]

> *'on the **28th June 2011** the MFSA had issued a directive to Bank of Valletta plc in terms of article 15 of the Investment Services Act. This directive obliges the Bank of Valletta to ensure that any acceptance of the offer to investors is without prejudice to any right which such investors who have either filed a complaint or were otherwise ineligible to acquire units in the Fund because they did not satisfy the legal criteria of 'experienced investors' may have to compensation or to being reinstated in the financial position obtaining prior to their investment in the Fund'.*

- fl-ilment tagħha l-appellata personalment u bħala eredi ta' żewġha ddikjarat li rċeviet €11,540.48 fir-rigward tal-Offerta tal-BOV tas-26 ta' Mejju 2011. Mill-atti jirriżulta li fit-28 ta' Ġunju, 2011 l-appellata iffirmat il-*Form of Acceptance and Transfer*;[24]

- permezz ta' rapport ulterjuri maħruġ mill-Awtorità ta' Malta għas-Servizzi Finanzjarji bl-isem '*Rapport dwar l-investigazzjoni tal-MFSA fuq il-prattiċi ta' bejgħ tal-Fond La Valette Multi-Manager Property Fund mill-Bank of Valletta plc*', datat **22 ta' Ġunju 2012**,[25] l-MFSA ikkonkludiet li l-BOV: (i) ma żammx dokumentazzjoni kif meħtieġ; (ii) ta' parir ħażin u ġew adottati tattiċi ta' bejgħ sfurzat (*hardselling*) u naqas li jiżgura li l-prodott huwa adattat għall-investitur; (iii) naqas li jżomm dokumenti b' tagħrif dwar il-klijent (*client fact find*) u naqas jieħu passi raġonevoli sabiex jikseb biżżejjed informazzjoni finanzjarja u tagħrif dwar kull klijent skont it-tip ta' servizz li kellu jagħti l-Bank; (iv) naqas li jagħti informazzjoni xierqa lill-investituri dwar il-karatteristiċi u r-riskji relatati mal-Fond u ma pprovdewx kopja tal-prospett tal-Fond; u (v) ma żgurax li l-impjegati tiegħu huma mħarrġa b' mod adegwat u ssorveljati sewwa.

[23] Dokument RZP2, file Six.
[24] Ara Dok. 4 mehmuż mal-ilment tal-appellata.
[25] Dok AX, file Four B.

Għal dawn il-mankanzi l-MFSA imponiet piena amministrattiva ta' €203,150;

- permezz ta' ittra datata **16 ta' Diċembru 2014**, mibgħuta minn John Cassar White lil wieħed mill-investituri fil-Fond, Vincent Ciappara,[26] qallu s-segwenti:

> *'Matul dawn l-aħħar 20 xahar il-Bank ipprova jara jekk setax jindirizza l-ilmenti li għad fadal fir-rigward ta' investituri li fl-2011 kienu ffirmaw full and final settlement agreement li permezz tiegħu kienu biegħu l-ishma tagħhom fil-LVMMPF lil Bank għal €0.75 ċenteżmi.*
>
> *Kif taf, fl-2012 l-MFSA kienet tat struzzjonijiet lill-Bank biex iqabbad lil kumpannija ta' Mazars biex dawn jiddeċiedu jekk setax kien hemm investituri fil-LVMMPF li minkejja li kienu iffirmaw il-ftehim finali li permezz tagħhom ingħataw €0.75 ċenteżmi għal kull sehem, dawn kien ħaqqhom kumpens akbar għaliex ma kienux 'investituri eligibbli'. Il-kriterji ta' kif kellu jkun definit investitur ta' esperjenza kienu ttieħdu mir-regolamenti tal-MFSA.*
>
> *Ħadna ukoll il-pariri ta' numru ta' esperti legali indipendenti biex naraw jekk, minkejja li ċerti nvestituri kienu ffirmaw ftehim finali mal-Bank fl-2011, il-Bank setgħax jagħtihom aktar kumpens.*
>
> *Il-pariri legali kollha li għandna jgħidu li jekk il-Bank kellu jħallas aktar minn dak li hu legalment dovut, id-diretturi jkunu qed jirriskjaw lli jkunu mfitxxija legalment minn xi azzjonisti li jħossu li l-interessi tagħhom jkunu qed jiġu preġudikat minn dak l-aġir.*
>
> *Id-dmirijiet legali tad-diretturi huma elenkati b'mod ċar fil-Companies Act, u irrispettivament jekk wieħed jaqbilx jew le mal-provizjoni tal-liġi, kulħadd irid jirrispetta dak li tgħid il-liġi. Fi kliem ieħor, ħadd ma hu 'l fuq mil-liġi.*
>
> ***Jien għadni nemmen li jekk jinħoloq mekkaniżmu li permezz tiegħu arbitru indipendent maħtur skont il-liġi jerġa' jidħol f' każijiet bħal tiegħek u ta' oħrajn li tħossu li għad għandkhom ilmenti fondati fuq il-mod kif ġejtu trattati, dan il-każijiet jistgħu jiġu riżolti.***[27] *Naturalment dan ma jiddipendix mill-Bank, iżda aħna impenjati li noffru koperazzjoni sħiħa lil xi uffiċjal pubbliku, bħal ma jista' jkun l-arbitru għas-servizzi finanzjarji, li jkun irid jerġa jeżamina dawn il-każijiet.*
>
> *Għal darb' oħra niskuża ruħi ma' kull investitur li jħoss li l-Bank ma trattahx b'mod tajjeb meta daħal għal ċerti investimenti. Inwiegħed ukoll li jekk jinħoloq mekkaniżmu legali biex jerġgħu jkunu eżaminati ilmenti bħal tiegħek, il-Bank jagħti l-koperazzjoni sħiħa tiegħu lil min ikun maħtur legalment biex jeżamina dawn il-każi.'*

[26] Dok RZP3, file Six.
[27] Enfasi tal-Qorti.

23. Il-pern ta' dan l-aggravju huwa jekk l-Arbitru kellux is-setgħa li b'applikazzjoni ta' disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378) u tal-Kap. 555, jiddikjara ċertu kondizzjonijiet tal-Offerta bħala mhux ġusti u projbiti u daqs li kieku qatt ma ddaħħlu, u kellux jisma' u jiddeċiedi l-ilment tal-ilmentatriċi appellata meta tqies li aċċettat l-Offerta tal-BOV.

24. L-appellanti jikkontendu li l-ilment tal-ilmentaturi ma jinkwadrax ruħu taħt il-Kap. 378.

25. L-**artikolu 44** tal-imsemmi Att jipprovdi kif ġej:

> *'44.(1) Ma jistgħux jintużaw f'kuntratti li jsiru mal-konsumatur espressjonijiet mhux ġusti, jew espressjonijiet jew kombinazzjoni ta' espressjonijiet li jkunu mhux ġusti f'illi jkollhom bħala skop jew effett xi wieħed mill-iskopijiet u effetti msemmija fis-subartikolu (2), u kull espressjoni pprojbita kif hawn aktar qabel imsemmi li tiddaħħal f'xi kuntratt li jsir mal-konsumatur għandha titqies bħallikieku qatt ma tkun hekk iddaħħlet.'*

26. Bħala definizzjoni ta' "***konsumatur***", fil-Kap. 378 jingħad imbagħad li hu:

> *'kull individwu li fi transazzjonijiet u ħwejjeġ oħra koperti b'dan l-Att jew b'regolamenti magħmulin taħtu, jkun qed jaġixxi għal għanijiet li ma jkollhomx x'jaqsmu mal-kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni ...'*

27. Skont l-istess Kap. 378, *"**kuntratt ta' servizz**"* tfisser:

> *'kull kuntratt li mhuwiex kuntratt ta' bejgħ li abbażi tiegħu n-negozjant iforni jew jimpenja ruħu li jforni **servizz** lill-konsumatur u l-konsumatur iħallas jew jimpenja ruħu li jħallas il-prezz għal dan'*

28. L-appellanti jsostnu ukoll li l-ilment lanqas jinkwadra ruħu taħt il-Kap. 555 inkwantu '*l-offerta u s-sussegwenti aċċettazzjoni tagħha, u allura t-transazzjoni, li hija l-oġġett tal-ilment, mhix xi prodott finanzjarju u allura ir-relazzjoni ġuridika naxxenti mill-offerta bejn l-ilmentaturi u l-BOV, bl-ebda mod ...'* ma tista' taqa' taħt it-tifsira ta' '*klijent eliġibbli'*.

29. A tenur tal-Kap. 555 '***klijent eliġibbli***' tfisser:

> *'klijent li jkun **konsumatur ta' provditur tas-servizzi finanzjarji,** jew li lilu l-provditur tas-servizzi finanzjarji jkun offra li jipprovdi xi servizz finanzjarju, jew li talab il-provdiment ta' xi servizz finanzjarju minn provditur tas-servizzi finanzjarji. Tinkludi wkoll is-suċċessur legali fit-titolu għall-prodott finanzjarju li jkun soġġett għall-ilment rilevanti'*

30. Din il-Qorti hija tal-fehma li r-relazzjoni tal-appellata u l-appellanti bħala '*konsumatur ta' provditur tas-servizzi finanzjarji*' u '*provditur tas-servizzi finanzjarji*' rispettivament, ma kinitx limitata għall-mument meta l-appellata u żewġha investew fil-Fond, imma kienet relazzjoni li pperdurat matul l-andament kollu tal-investiment li l-ilmentaturi kellhom fil-Fond. Dan in kwantu l-appellanti, bħala provdituri tas-servizz, kellhom obbligi preċiżi u **kontinwi** fir-rigward tal-investituri fosthom l-appellanti, **liema obbligi pperduraw matul il-perjodu kollu li huma kienu qegħdin jamministraw u jagħmlu monitoraġġ tal-Fond li fih investiet l-appellata**. **Bla dubju għalhekk, sakemm l-appellata aċċettat l-offerta tal-BOV permezz ta' liema biegħet l-ishma tagħha fil-Fond lill-BOV, l-appellata kienet *klijent eliġibbli* a tenur tal-Kap. 555**.

31. **Il-qorti trid tiddeċiedi jekk l-Arbitru kellux iqies l-ilment meħud in konsiderazzjoni il-ftehim li sar bejn il-partijiet bl-aċċettazzjoni tal-Offerta tal-BOV u jekk il-Kap. 378 japplikax f'każ ta' ftehim ta' transazzjoni.**

32. Transazzjoni hi regolata taħt it-Titolu XIII tat-Tieni Taqsima tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili. L-artikolu 1718 jipprovdi:

> '***It-transazzjoni hija kuntratt li bih il-partijiet, b'xi ħaġa li jagħtu, iwiegħdu, jew iżommu, jagħtu tmiem għal kawża mibdija, jew jevitaw kawża li tkun sejra ssir.***'

33. Bla dubju, hekk kif jirriżulta mill-ittra tas-26 ta' Mejju 2011,[28] dan kien l-għan ewlieni tal-Offerta li għamel il-BOV lill-ilmentaturi, fosthom l-appellata:

> ***'RIŻOLUZZJONI PAĊIFIKA***
>
> ***11****. Waqt li jisħaq li hu jibqa' jżomm b' mod ferm il-pożizzjoni tiegħu dwar l-IR(v) kif sostnuta mill-prattika internazzjonali tas-suq, il-BOV jemmen li, jekk hu possibbli li ssir, arranġament paċifiku u bikri ta' din il-kwistjoni hi l-aktar azzjoni idonea fl-interessi fit-tul tal-BOV, il-klijenti tiegġu u l-investituri tal-Fond. L-alternattiva hi li l-BOV jikkontesta l-allegazzjonijet f' kull aspett u jiffaċċja perjodu twil. probabbilment diversi snin, ta' litigazzjoni twila, antagonistika u kontenzjuża.*
>
> *...*
>
> ***14****. Fil-qosor ... il-Bord hu ta' l-opinjoni li riżoluzzjoni paċifika ta' din il-materja tkun fl-aħjar interess ta' kull min hu kkonċernat – l-investituri tal-Fond, il-Grupp BOV u l-azzjonisti tiegħu, u ukoll ir-Regolatur. Il-Bord jemmen ukoll li litigazzjoni antagonistika fit-tul ma tkunx ta' vantaġġ għall-ebda waħda mill-partijiet konċernati. B' mod speċjali hu rikonoxxut li anke fil-każ li jkun hemm determinazzjoni finali mhux favorevoli mill-Awtorità fuq waħda jew aktar mill-materji li qed ikunu nvestigati, waqt li l-BOV jista' jkun soġġett għal sanzjonijiet*

---

[28] Dok Asii, file Four A.

*jew penali regolatorji, dan ikun ta' ftit jew xejn, konfort jew vantaġġ finanzjarju għall-investituri milquta, li l-uniku triq li jkollhom (fin-nuqqas ta' riżoluzzjoni paċifika) biex jottjenu kumpens finanzjarju hi li jistitwixxu proċeduri ġudizzjarji ...*

***15**. Hu għalhekk fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet li l-Bord jemmen li hu idoneju li jressaq proposta bona fide sostantiva f' attentat li jfittex arranġament mal-azzjonisti tal-Fond, u li jindirizza l-kwistjonijiet b' manjiera paċifika u mhux kontenzjuża.'*

34. L-istess ittra tkompli:-

***'QAFAS KONĊETTWALI TAL-OFFERTA***

***17**. Fid-dawl ta' dan l-isfond ġenerali, il-BOV żviluppa qafas ta' proposta komprensiva. Dettalji ta' din il-proposta jinsabu fid-dokument tal-Offerta anness ma' din l-ittra ...'*

35. Fl-ittra li biha l-Bank of Valletta plc għamel l-offerta lill-investituri hemm stampat:

***'THIS DOCUMENT CONTAINS A CONDITIONAL OFFER BEING MADE BY BANK OF VALLETTA P.L.C. TO ALL HOLDERS OF SHARES IN THE LA VALETTE MULTI MANAGER PROPERTY FUND AS AT THE 12th AUGUST 2008 ("ELIGIBLE SHAREHOLDERS") TO PURCHASE AND ACQUIRE ALL OF THE SHARES CURRENTLY IN ISSUE IN THE LA VALETTE FUNDS SICAV P.L.C. AND WHICH REPRESENT THE ASSETS OF THE LA VALETTE MULTI MANAGER PROPERTY FUND (THE "FUND"). THIS DOCUMENT DOES NOT CONSTITUTE A PROSPECTUS OR ANY FORM OF INVITATION TO PURCHASE ANY SECURITIES.***

***BANK OF VALLETTA P.L.C.***

***HEREBY MAKES A CONDITIONAL OFFER TO PURCHASE AND ACQUIRE FROM ELIGIBLE SHAREHOLDERS ALL THE 60,387,028 SHARES OF NO NOMINAL VALUE IN THE LA VALETTE MULTI MANAGER PROPERTY FUND A SUB-FUND OF THE LA VALETTE FUNDS SICAV P.L.C. AT AN OFFER PRICE OF €0.75 PER SHARE***

36. Fir-rigward ta' kuntratt ta' transazzjoni, il-Kodiċi Ċivil jkompli jipprovdi:

*'**1725**. Fit-transazzjoni ma jidħolx ħlief dak li hu l-oġġett tagħha: fir-rinunzja magħmula f'kuntratt ta' transazzjoni għall-jeddijiet, azzjonijiet, u pretensjonijiet kollha, jidħol biss dak li jkollu x'jaqsam mal-kwistjonijiet li minħabba fihom tkun saret dik it-transazzjoni.'*

*'**1729**. (1) It-transazzjoni għandha, bejn il-partijiet, is-setgħa ta' sentenza li għaddiet f'ġudikat.*

*(2) Ma tistax tiġi attakkata minħabba żball ta' liġi.'*

*'**1730**. (1) Iżda, transazzjoni tista' tiġi rexxissa jekk ikun hemm żball dwar il-persuna li magħha sar il-ftehim, jew dwar il-ħaġa li kienet l-oġġett tal-kwistjoni li fuqha l-partijiet kellhom il-ħsieb lijittransiġu.*

*(2) It-transazzjoni tista' tiġi rexxissa kull meta jkun hemm għemil doluż jew vjolenza.'*

*'**1731**. Transazzjoni tista' wkoll tiġi rexxissa meta, minħabba żball ta' fatt, tkun saret b'esekuzzjoni ta' titolu null, iżda dan kemm-il darba l-partijiet ma jkunux irranġaw espressament fuq dik in-nullità.'*

*'**1732**. It-transazzjoni magħmula fuq dokumenti li wara jinsabu foloz, hija nulla għal kollox.'*

37. L-appellata ma talbitx għar-rexxissjoni tal-kuntratt. Dak li tallega fl-ilment tagħha hu li l-**klawsoli 2.9 u 3(a)** tal-ftehim mhumiex ġusti u huma projbiti *ai termini* tal-**artikolu 44** tal-Kap. 378, b' mod partikolari l-**artikolu 44(2)(a)** u **(2)(ċ)** minħabba li dawn '*kellhom l-effett li jillimitaw ir-responsabbilità tal-BOV (u l-intimati l-oħra) bħala kummerċjanti minħabba fil-frodi jew in-negliġenza gravi tiegħu nnifsu jew dik tal-impjegati jew l-aġenti tiegħu, kif ukoll jeskludu jew jillimitaw id-drittijiet tal-ilmentaturi kontra l-istess BOV (u l-intimati l-oħra) fir-rigward tan-nuqqas ta' twettieq u/jew ta' twettieq inadegwat tal-obbligazzjonijiet tiegħu jew tagħhom.'* Żiedet li l-istess dispożizzjonijiet huma espressjonijiet inġusti skont l-**artikolu 45(1)** tal-Kap. 378 u dan peress li '*l-imsemmija klawsoli ħolqu żbilanċ sinjifikanti bejn id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet tal-partijiet fil-kuntratt b' detriment tal-ilmentaturi; ikkaġunaw li t-twettieq tal-kuntratt ikun, b' mod mhux dovut, detrimentali għall-ilmentaturi; ikkaġunaw li t-twettiq tal-kuntratt ikun, b' mod sinjifikanti, differenti minn dak li l-ilmentaturi konsumaturi raġonevolment stennew li jkun, u kienu inkompatibbli ma' kull ħtieġa ta' bona fidi'.* Tgħid ukoll li l-klawżoli in kwistjoni huma wkoll inġusti meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi msemmija fl-**artikolu 45(2)(ċ)** tal-Kap. 378, '*in partikolari meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni l-ilmitazzjonijiet tal-ilmentaturi li kapaċi jinnegozjaw, il-fatt li kienu assoġġettati għal pressjoni mhux dovuta u n-nuqqas ta' konoxxenza jew sengħa tagħhom fil-materja tal-Offerta.'*

38. Il-klawżoli in kwistjoni li jissemmew fl-offerta u li l-appellata oġġezzjonat dwarhom minkejja li aċċettat l-offerta b'dawk il-kondizzjonijiet, huma:

'***2. TERMS AND CONDITIONS OF THE OFFER***

***2.9 Subrogation of Rights, Full and Final Settlement – Release and Waiver***

*By virtue of signing, completing and filing with BOV a Form of Acceptance and Transfer, you shall be deemed to have, together with the transfer of title to your shares to BOV, transferred to BOV with subrogation of all and any rights, benefits and/or claims that may have arisen in your favour, whether by operation of law, contract or in any other manner against any one or more of BOV; VFM; VFS; IIM; the Sicav and any one of their respective directors, officers, employees, advisors*

*or agents (the **"Released Parties"**) as a shareholder or investor in the Fund, including but not limited to:*

*(a) any of such rights, benefits and or claims as may have been alleged by you in any judicial protest, letter or other communication, whether written or verbal to any one or more of the Released Parties;*

*(b) any claim for loss, damage, costs, or liability incurred or sustained by virtue of any alleged act or omission of any one or more of the Released Parties or their respective non-performance, or improper performance of any obligation; and*

*(c) generally, any cause of action or litigious right by wich you are, may have or may have been entitled to against any one or more of the Released Parties by virtue of having held shares in the Fund or in any manner connected with the Fund or having made an investment therein.*

*Accordingly, acceptance of the Offer and the transfer of title to the shares by you shall, in so far as you are concerned, but saving BOV's rights as subrogated in terms of the above, fully and finally settle all and any claims, actual or contingent, which you may have against any one or more of the Released Parties. You shall, upon acceptance of the Offer and effective subrogation, undertake to hold harmless and to fully and completely release the Released Parties from any and all actual, prospective, contingent or potential liability that may arise by virtue of you having acquired or hled shares at any time in the Fund. The agreements resulting by virtue of an acceptance of the Offer by an Eligible Shareholder shall (save for the subrogation of rights made in favour of BOV) in so far as each Eligibile Shareholder accepting the Offer (i) also constitute a stipulation made by BOV, as a condition made for BOV's own benefit, in favour of each of the Released Parites other than BOV; and (ii) **constitute a compromise of any claim that the Eligibile shareholder may have against or any dispute that such shareholder may have with any one of the Released Parties including BOV.**'*

***'3. REPRESENTATIONS AND WARRANTIES OF ELIGIBLE SHAREHOLDERS***

*By completing and delivering the Form of Acceptance and Transfer you, as an Eligible Shareholder:*

*(a) agree that you have had the opportunity to read this Offer Document and to seek independent legal and other advice as you may have considered appropriate and that you shall accordingly be deemed to have had notice of all information and representations concerning this Offer and the legal, financial and investment implications of accepting the Offer; ...'*

39. L-Arbitru laqa' l-ilment tal-appellata fis-sens li qies li dawk il-klawżoli huma inġusti ai termini tal-**artikoli 44(2)(a), 44(2)(ċ), 45(1)(a) u (d)** tal-Kap. 378 u għalhekk ikkonkluda li skont l-artikolu 46 tal-istess Att, dawk il-klawżoli '*qed jitqiesu li m'għandhom l-ebda effett'.* Dan inkwantu fil-fehma tal-Arbitru, *'il-kuntratti ffirmati bejn l-ilmentaturi u l-provdituri tas-servizz ibbażati fuq din l-Offerta'* jistgħu jibqgħu jeżistu mingħajr il-klawżoli kunsidrati nġusti jew projbiti u l-istess kuntratti jibqgħu fis-seħħ mingħajr il-klawsoli dikjarati nġusti u projbiti. Fl-ilment tagħha l-appellata kienet qegħda tikkontesa l-istess klawżoli għall-istess

raġuni għaliex issostni li l-aġir tal-BOV kienet prattika kummerċjali mhux ġusta skont l-artikolu 51B tal-Kap.378.

40. L-appellanti jsostnu li:-

(i) l-Kap. 378 ma japplikax għal transazzjoni;

(ii) bla ħsara għal dan, skont il-***proviso*** tal-**artikolu 45(2)** tal-Kap. 378:

> *'Iżda safejn hi miktuba b'lingwa kif ordinarjament mitkellma u intelliġibli li tista' tiftiehem, l-evalwazzjoni jekk espressjoni hijiex ġusta ma għandhiex tkun relatata –*
>
> *(a) mat-tifsira tal-oġġett prinċipali tal-kuntratt, jew*
> *(b) mal-adegwatezza tal-prezz jew rinumerazzjoni, meta mqabbla mal-oġġetti jew is-servizzi pprovduti għaliha.'*

(iii) fil-mertu, mhuwiex minnu li l-Bank naqqas mill-obbligu tal-*buona fede* u żamm mistur xi informazzjoni mill-ilmentaturi.

41. Il-qorti hi tal-fehma li l-Kap. 378 ma japplikax għall-Offerta u l-aċċettazzjoni tagħha. Hekk kif jirriżulta mid-definzzjoni legali li ġiet diġà riprodotta aktar 'l fuq, "*kuntratt ta' servizz*" li għalih jirreferi l-Kap. 378 (ara paragrafu 27 tas-sentenza). Il-ftehim ta' transazzjoni mhuwiex kuntratt ta' servizz. Hekk ukoll skont l-istess liġi:

> *"kuntratt ta' bejgħ" tfisser kull kuntratt li permezz tiegħu n-negozjant jittrasferixxi jew jimpenja ruħu li jittrasferixxi l-proprjetà ta' oġġetti lill-konsumatur u* ***l-konsumatur iħallas jew jimpenja ruħu li jħallas il-prezz ta' dawn l-oġġetti****, kif ukoll kull kuntratt li għandu bħala s-suġġett tiegħu kemm oġġetti kif ukoll servizzi;*

42. Dan jirrifletti dak li tipprovdi d-Direttiva tal-Kunsill 93/13 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur:

> *'Artikolu 1*
>
> *1. L-għan ta' din id-Direttiva huwa li japprossima l-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri relatati ma' klawżoli inġusti f'kuntratti konklużi bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur.*
>
> *2. Il-klawżoli kuntrattwali li jirriflettu disposizzjonijiet mandatorji statutorji jew regolatorji u d-disposizzjonijiet jew il-prinċipji ta' konvenzjonijiet internazzjonali li għalihom ikunu parti l-Istati Membri jew il-Komunità, b'mod partikolari fil-qasam tat-trasport, m'għandhomx ikunu suġġetti għad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva.*
>
> *Artikolu 2*

*Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:*

*(a) "klawżoli inġusti" tfisser il-klawżoli kuntrattwali stabbiliti fl-Artikolu 3;*

*(b) "konsumatur" tfisser kull persuna naturali li, f'kuntratti koperti minn din id-Direttiva, tkun qiegħda taġixxi għal skopjiet li jkunu barra s-sengħa, in-negozju jew il-professjoni tagħha;*

*(ċ) "bejjiegħ jew fornitur" tfisser kull persuna naturali jew legali li, f'kuntratti koperti minn din id-Direttiva, tkun qiegħda taġixxi għal skopijiet relatati mas-sengħa, in-negozju jew il-professjoni tagħha, sew jekk proprjetà pubblika u sew jekk propjetà privata.*

*Artikolu 3*

*1. Klawżola kuntrattwali li ma tkunx ġiet negozjata individwalment għandha titqies inġusta jekk, kontra l-ħtieġa ta' buona fede, tkun tikkawża żbilanċ sinifikanti fid-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet li joħorġu mill-kuntratt,* ***bi ħsara għall-konsumatur.****'*

43. Bl-Offerta tal-BOV kien il-bank li ddikjara li kien lest jixtri l-ishma mingħand l-appellata u investituri oħra bi prezz ta' €0.75 għal kull sehem.

44. L-Arbitru kien ikollu raġun kieku l-appellanti pprovaw jeskludu jew jillimitaw id-drittijiet legali tal-appellata fil-konfront tagħhom fil-każ ta' nuqqas totali jew parzjali ta' twettiq jew ta' twettiq inadegwat ta' xi waħda mill-obbligazzjonijiet kuntrattwali tagħhom **fil-ftehim oriġinali li bih l-appellata u żewġa xtraw l-ishma fil-Fond (fil-kaz tagħhom kien fis-sena 2005).**

45. Għalkemm l-appellata kienet klijenta tal-appellanti sakemm biegħet l-ishma tagħha fil-Fond, <u>huwa ċar li l-Offerta u t-transazzjoni li saret bejn il-partijiet ma jidħlux fl-ambitu ta' dak regolat bil-Kap. 378</u>. Fil-kuntest tal-Offerta u s-sussegwenti aċċettazzjoni tagħha, l-appellata kienet qegħda <u>tbiegħ</u> l-ishma tagħha lill-BOV, u **mhux tixtri jew titlob provista ta' servizzi finanzjarji**. Għalhekk, għall-finijiet ta' dak il-kuntratt, ma kinitx u ma tistax titqies il-'*konsumatur'* skont il-Kap. 378*.*

46. L-Arbitru għamel riferenza għall-artikolu 44(2)(a) u (ċ) tal-Kap. 378. Pero' l-iskop kollu wara transazzjoni hu sabiex tasal fi ftehim li bih tingħalaq darba għal dejjem il-kwistjoni li jkun hemm. L-Arbitru rraġuna li l-kondizzjonijiet 2.9 u 3(a) kienu inġusti għaliex *"kienu qed jillimitaw ir-responsabbilta' tagħhom"* u jeskludi d-dritt tal-konsumatur li jieħu passi legali biex jirkupra flus. Il-konsegwenza naturali ta' transazzjoni hi li tillimita l-*exposure* li wieħed jista' jkollu dwar kwistjoni u li tingħalaq darba għal-dejjem. Bil-mod li rraġuna l-Arbitru ikun ifisser li kummerċjant ma jista' qatt jikkonkludi transazzjoni ma' konsumatur. Raġunament

li m'għandux bażi legali. Bir-raġunament u konklużjoni tal-Arbitru ġie li żnatura t-transazzjoni li saret bejn il-partijiet u sa wasal biex igħid li minħabba li l-imsemmija klawżoli m'għandhomx effett, *"... ma seħħet l-ebda transazzjoni bejn l-ilmentaturi u l-provdituri tas-servizz li teskludi lill-Arbitru milli jindaga l-mertu tal-każ"*. Il-qorti ma tistax taqbel mar-raġunament tal-Arbitru li wassal sabiex dak li ffirmaw għalih il-partijiet, ġie għal kollox żnaturat.

47. L-Arbitru semma wkoll li fl-offerta l-BOV kien iddikjara li qegħda ssir in *buona fede*. Kompla li fuq l-ilmentaturi kienu imposti kundizzjonijiet li ma kellhomx l-opportunita' li jinnegozjaw. Fatt mhux kompatibbli mal-*buona fede*. Pero' dan il-każ mhuwiex kawża li fiha l-appellata kienet qegħda tattakka il-validita tat-transazzjoni.

48. L-artikolu 46 tal-Kap, 378 jipprovdi:

> *'**46**.Kuntratt li jsir mal-konsumatur li jkun jinkludi xi espressjonijiet projbiti jew mhux ġusti ma jkunx jorbot lill-konsumatur kemm-il darba l-kuntratt ma jkunx jista' jibqa' jeżisti mingħajr dik l-espressjoni mhux ġusta.*

49. L-Arbitru ddeċieda li:

> *'Ghalhekk il-klawsoli tal-Offerta fil-bidu taghha u l-klawsoli 2.9 u 3(a) tal-istess Offerta, kif ukoll kull fejn hemm li l-ilmentaturi kienu qed icedu d-drittijiet litigjuzi taghhom, jew li b'xi mod kienu qed icedu kwalunkwe drittijiet li kellhom, ghandhom jitqiesu klawsoli ingusti u pprojbiti u jitqiesu daqslikieku qatt ma ddahhlu.*
>
> *L-Artikolu 46 tal-Kap. 378 jipprovdi li jekk kuntratt li jsir mal-konsumatur ikun fih xi espressjonijiet projbiti jew mhux gusti ma jkunx jorbot lill-konsumatur kemm-il darba l-kuntratt ma jkunx jista' jibqa' jezisti minghajr dik l-espressjoni mhux gusta.*
>
> *L-Arbitru ma jarax li l-kuntratti ffirmati bejn l-ilmentaturi u l-provdituri tas-servizz ibbazati fuq din l-Offerta ma jistghux jibqghu jezistu minghajr il-klawsoli kunsidrati ingusti jew projbiti u l-istess kuntratti jibqghu fis-sehh minghajr il-klawsoli dikjarati ingusti u projbiti kif 'il fuq spjegat.*
>
> *Galadarba dawn il-klawsoli qed jitqiesu li m'ghandhom l-ebda effett, ghalhekk qed jitqies li ma sehhet l-ebda tranzazzjoni bejn l-ilmentaturi u l-provdituri tas-servizz li teskludi lill-Arbitru milli jindaga l-mertu tal-kaz.'*

50. Bla ħsara għall-konsiderazzjonijiet li diġa saru, fil-kuntest ta' dawn id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 378, din il-Qorti ma taqbilx mal-Arbitru li l-klawżoli in kwistjoni fl-offerta tas-26 ta' Mejju 2011, partikolarment il-klawżola 2.9, setgħet

qatt titqies anċillari fil-kuntest tal-ftehim li sar. Ftehim li wassal sabiex l-ishma tal-appellata kienu trasferiti lill-BOV.

51. Fl-offerta il-BOV għamilha ċara li kienet qegħda ssir sabiex il-kwistjoni tkun riżolta **darba għal dejjem**. Dan jirriżulta bl-iktar mod ċar kemm mill-offerta u l-*Form of Acceptance and Transfer* li ffirmat l-appellata. Għalhekk, il-Qorti ma tara xejn straordinarju li fl-offerta kienet inkluża klawżola 2.9 li permezz tagħha l-azzjonisti kienu qegħdin jittrasferixxu lill-BOV l-ishma bis-surroga tad-drittijiet, benefiċċji u pretensjonijiet li huma kellhom kontra l-appellanti. **Klawżola li kienet tifforma parti integrali mill-oġġett tal-ftehim**. Il-bank kien dispost li jixtri l-ishma b'dak il-prezz taħt ċertu kondizzjonijiet. Għall-qorti hu ċar li kundizzjoni bħal dik f'klawżola 2.9 tal-offerta kienet *sine qua non* għall-konklużjoni tat-transazzjoni.

52. Il-qorti żżid li m'għandhiex dubju li l-klawżola 2.9 hi relatata mat-tifsira tal-oġġett prinċipali tal-kuntratt (*'definition of the main subject matter of the contract'*). Dak il-ftehim sar sabiex jinqatgħu darba għal dejjem il-kwistjonijiet li kien hemm bejn il-partijiet. Kundizzjoni essenzjali sabiex jintlaħaq dak l-iskop. Kienet ***a core term*** tal-ftehim. Mingħajrha ma setax ikollok it-transazzjoni. Mill-klawżola kien ċar daqs il-kristall li t-transazzjoni kienet qegħda ssir *in full and final settlement* tal-pretensjonijiet tal-ilmentaturi. Għalhekk semmai hi *contract term* li għaliha japplika l-artikolu 45(2)(a) tal-Kap. 378.[29] Kundizzjoni li kienet element essenzjali għat-transazzjoni li saret bejn il-partijiet. F'dan ir-rigward hu rilevanti paragrafu 33 tas-sentenza tal-Qorti Ewropeja tal-Ġustizzja fl-ismijiet **Jean-Claude Van Hove v CNP Assurances SA** tat-23 ta' April, 2015 li rreferew għalih l-appellanti (ara paragrafu 98 tar-rikors tal-appell). F'dik is-sentenza l-qort qalet:

> *"contractual terms falling within the concept of 'the main subject-matter of the contract', within the meaning of Article 4(2) of Directive 93/13, must be understood as being* ***those that lay down the essential obligations of the contract and, as such, characterize it****. By contrast, terms ancillary to those that define the very essence of the contractual relationship cannot fall within the concept of 'the main subject-matter of the contract', within the meaning of that provision".*

53. Dan ovvjament bla preġudizzju għal dak li ntqal qabel dwar il-fatt li Kap. 378 ma japplikax għat-transazzjoni li saret bejn il-partijiet.

---

[29] Artikolu 4(2) tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea tipprovdi: *"2. Assessment of the unfair nature of the terms shall relate neither to the definition of the main subject matter of the contract nor to the adequacy of the price and remuneration, on the one hand, as against the services or goods supplies in exchange, on the other, in so far as these terms are in plain intelligible language".*

54. L-Arbitru qies ukoll bħala inġusta u bla effett il-klawżola 3(a) tal-kundizzjonijiet tal-offerta u li bl-aċċettazzjoni l-ilmentaturi ddikjaraw li kellhom l-opportunità jaqraw id-Dokument tal-Offerta u jiksbu parir legali indipendenti u kull parir ieħor minnhom meqjus approprjat u li ġew mgħarrfa bl-informazzjoni u r-rappreżentazzjonijiet kollha dwar l-Offerta u l-implikazzjonijiet legali, finanzjarji u tal-investiment li jaċċettaw l-Offerta.

55. Jirriżulta li l-investigazzjoni li għamlet l-MFSA wara ilmenti ta' diversi investituri. Mill-protesti ġudizzjarji u ittri eżibiti in atti l-lanjanza tagħhom hi ċara. Għalhekk, huma kienu jafu preċiżament x'kien l-ilment li sar lill-MFSA, u kien jafu wkoll li t-transazzjoni ser twassal sabiex il-kwistjoni bejn l-ilmentaturi u l-appellanti jingħalqu darba għal dejjem.

56. Verament li r-rapporti tal-MFSA datati 24 ta' Ġunju 2011 ġew ippubblikati ftit jiem qabel għalaq iż-żmien għall-aċċettazzjoni tal-offerta (30 ta' Ġunju 2011), entro liema l-investituri kellhom jiddeċiedu jekk jaċċettawx l-Offerta *o meno*. Iżda l-investituri fosthom l-appellata kienu jafu, tramite d-dokument tal-Offerta stess li:

> ***'MFSA INVESTIGATIONS***
>
> *1. As you are aware ... the MFSA has informed BOV that its investigation relates to the following principal issues pertaining to the Fund:-*
>
> *i. the application of the gearing or leverage investment restriction as set out in the Fund's Supplementary Prospectus (referred to as Investment Restriction (v) or IR (v);*
> *ii. the sales practices adopted by the Bank in the distribution of the Fund;*
> *iii. the redemption of certain units in the Fund in the period prior to its suspension on 8 August 2008.*
>
> *2. The enquires relating to (ii) and (iii) are still on-going, and the BOV Group has yet to receive any preliminary report from the Authority in respect thereof ... In the meantime, BOV has been involved in making extensive written submissions to the MFSA in connection with the proper interpretation and consequent application of Investment Restriction (v).*
>
> *...*
>
> *5. It is clear from our extensive correspondence with the MFSA that we have each taken different views of the correct and permitted interpretation of IR(v). Although correspondence is on-going, the Authority is thus far taking the view that, in Malta, there is only one ordinary natural meaning of the term net assets, and that it cannot be given any meaning or any other interpretation other than total assets less total liabilities. On the other hand, BOV and Insight Investment Management (Global) Limited (Insight Investment), the appointed Sub-Investment Manager of the Fund, believe that IR(v) should not be interpreted in a vacuum – that it should properly be interpreted in the context of the whole of the Supplementary Prospectus of which it forms an integral part, and particularly in the light of its application to a European property fund.*

> *...*
>
> *8. BOV respectfully disagrees with the narrow and literal interpretation thus far being applied by the MFSA in terms of IR(v) , and is in the course of making further submissions and representations to the Authority in support of its position (a) that IR(v) is indeed capable of more than one interpretation; and (b) that the context in which it is used and prevalent industry practice (as has been confirmed by KPMG's independent research mentioned in paragraph 6 above), is supportive of the position taken by BOV and Insight Investment ...'*

57. Għalhekk kien sa mill-bidunett tal-offerta evidenti li l-posizzjoni li ħadet l-MFSA kienet għal kollox differenti minn dik tal-BOV. Fatt li nġieb a konjizzjoni tal-ilmentaturi.

58. **Il-qorti żżid li minkejja li l-appellata qegħda tilmenta li fiż-żmien tal-Offerta l-BOV ma żvelatx ir-rapporti tal-MFSA, liema informazzjoni ssostni li kienet essenzjali sabiex tieħu l-aħjar deċiżjoni għaliha, ma pproponietx proċeduri għar-rexxissjoni tat-transazzjoni minħabba vizzju tal-kunsens minħabba żball jew egħmil doluż tal-bank.**

59. Fil-fatt fin-nota ta' sottomissjonijiet li ppreżentat quddiem l-Arbitru, qalet[30]:

> *"5.2 Illi fl-ewwel lok jiġi rilevat illi l-intimati qegħdin jagħtu interpretazzjoni skorretta lill-ilment odjern.* ***L-ilment mhuwiex intiż jikkontesta l-validita' tal-kuntratti iffirmati bejn il-partijiet jew sabiex jitlob rexxissjoni tal-istess kuntratti. Fil-fatt mhemm l-ebda talba da parti tal-ilmentaturi f'dak is-sens.*** *Dak li huwa milqut b'illegalita huwa klawżoli partikolari inseriti mill-intimati u li fiċ-ċirkostanzi jammontaw għall-klawżoli projbiti u mhux ġusti skond il-Kap. 378, u liema klawżoli allura ma jorbutx kif ser jiġi diskuss aħjar aktar 'il quddiem".*

60. L-ilment tal-appellata hu <u>limitat</u> għall-klawżoli speċifiċi tal-kuntratt u tippretendi li filwaqt li l-ftehim jibqa' fis-seħħ, ma jingħatax effett għall-klawżoli li permezz tagħom *inter alia* ssurrogat lill-BOV fid-drittijiet tagħha meta ttrasferit l-ishma li kellha fil-Fond.

61. L-Arbitru da parti tiegħu laqa' dan l-ilment fis-sħiħ billi ddeċieda li l-kondizzjonijiet li dwarhom jitratta l-ilment huma nġusti kif spjegat hawn fuq, u għaldqastant m'għandhom l-ebda effett u konsegwentement iddeċieda ukoll ma seħħet l-ebda transazzjoni bejn il-partijiet.

62. Il-qorti ma taqbilx mal-konklużjoni tal-Arbitru meta tqies li:-

---

[30] Fol. 16 tan-nota ta' sottomissjonijiet.

(i) It-transazzjoni li bih il-BOV xtrat l-ishma mingħand l-appellata bi prezz ta' €0.75 għal kull sehem, mhuwiex tat-tip li dwaru jista' jkun hemm kundizzjonijiet inġusti skont il-Kap. 378;

(ii) L-Offerta saret sabiex il-kwistjoni li kien hemm bejn il-kontendenti tkun riżolta darba għal dejjem. Skont il-liġi stess transazzjoni għandha s-setgħa ta' sentenza li tkun ġudikat bejn il-partijiet (artikolu 1729 tal-Kodiċi Ċivili). Bil-mod li rraġuna l-Arbitru ġie li l-appellata ħadet il-benefiċċju mit-transazzjoni, filwaqt li l-BOV u l-partijiet l-oħra baqgħu għal kollox skoperti. Raġunament li *defeats the whole purpose* ta' transazzjoni għall-BOV u l-kumpanniji l-oħra.

(iii) Il-kundizzjonijiet li l-appellata qegħda tikkontesta mill-ftehim li għamlet mal-BOV, huma parti integrali tat-transazzjoni. Fl-offerta kien ċar daqs il-kristall li l-akkwist tal-ishma mill-BOV għal dak il-prezz, iwassal biex jingħalqu darba għal dejjem kwalsiasi pretensjoni li l-ilmentatur kellha kontra l-BOV u l-partijiet l-oħra li jissemmew fil-kuntratt. Kien f'dak l-isfond li l-BOV offriet tixtri l-ishma mingħand l-ilmentaturi bi prezz ta' €0.75 għal kull sehem. Meta ssir transazzjoni hemm il-*quid pro quo*, u dik il-kundizzjoni kienet essenzjali sabiex iseħħ il-ftehim. Ma seta' qatt issir transazzjoni mingħajr kundizzjoni bħal dik, u li biha wasslet għar-riżoluzzjoni darba għal dejjem tal-kwistjoni bejn il-partijiet. L-appellata kienet taf sa minn qabel iffirmat id-dokument li bih aċċettat l-offerta tal-BOV, li dak il-kuntratt kien ser iwassal sabiex iċċedi kull pretensjoni li kellha kontra l-BOV, l-VFM u l-VFS (ara per eżempju paragrafu 8 tal-protest ġudizzjarju li ppreżentat fis-26 ta' Ġunju, 2011 flimkien ma' ilmentaturi oħrajn). Mill-istess att ġudizzjarju jirriżulta li kienet taf ukoll b'kundizzjoni 3(a) tal-offerta. Minkejja li qalet li ma kellhiex f'idejha r-rapport finali tal-MFSA u li l-prezz ta' €0.75 għal kull sehem kien ferm inqas minn dak dovut u li riedet lil BOV u VFM sabiex jagħmlu tajjeb għat-telf kollu li ġarrbet minħabba egħmil dawk il-kumpanniji, xorta agħżlet li taċċetta l-offerta taħt dawk il-kondizzjonijiet li llum qegħda timpunja f'dawn il-proċeduri. Probabbilment ma riditx tieħu riskju li tispiċċa b'xejn jekk ma tieħu l-offerta tal-BOV. Pero' meta hemm offerta ta' transazzjoni fuq il-mejda, dik hi konsiderazzjoni li parti jkollha tagħmel qabel tiddeċiedi għandhiex taċċettaha jew le. Ġialadarba l-kuntratti għandhom is-saħħa ta' liġi u kienet altru milli taf għal x'hiex kienet dieħla, l-appellata ma kellhiex jedd li wara li saret it-transazzjoni tibdel

il-fehma tagħha. Transazzjoni li ġabet fit-tmiem tagħha l-kwistjoni li l-appellata kellha mal-appellanti.

(iv) Mill-fatti li ssemmew f'paragrafu 22 ta' din is-sentenza, hu altru milli evidenti li meta fit-28 ta' Ġunju 2011 l-appellata iffirmat il-*Form of Acceptance and Transfer* u ttrasferit l-ishma lill-BOV, kienet infurmata li l-MFSA kienet ħarġet rapporti kontra l-appellanti. Dan apparti li l-appellata, bħall-ilmentaturi oħra, kienet qegħda tingħata l-pariri minn Finco Treasury Management Ltd kif jirriżulta minn protesti ġudizzjarji li ppreżentat l-appellata flimkien ma' ilmentaturi oħra. Kumpannija li għalija kien jidher Paul Bonello li saħansitra ħejja rapport dwar l-applikazzjoni tal-Investment Restriction (V). Rapport li l-investituri ressqu bħala prova. L-istess atti ġudizzjarji huma fihom infushom prova li l-appellata kellha assistenza ta' avukat li l-qorti qegħda tifhem li kienet inkarigat Finco Treasury Management Ltd. F'dan ix-xenarju l-appellata altru milli kienet taf għal x'hiex dieħla meta ffirmat id-dokument li bih aċċettat l-offerta tal-BOV, ittrasferiet l-ishma u rċeviet il-flus u ddikjarat li ma kellhiex iktar pretensjoni kontra l-appellanti. Ġħażla li għamlet minkejja li l-ilmentaturi kienu għamlu rapport mal-Malta Financial Services Authority. Wieħed irid jiftakar ukoll li dak il-ftehim sar biss sabiex tiġi riżolta b'mod amikevoli l-kwistjoni li kien hemm bejn il-partijiet u għall-ebda raġuni oħra. Għalhekk hu ovvju li l-bank kien ser jimponi kundizzjoni bħal dik li nsibu f'klawżola 2.9 tal-offerta u bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jista' jsir argument fis-sens li ġiet b'sorpriża għall-ilmentaturi. Il-qorti m'għandhiex dubju li kull min aċċetta l-offerta kien jaf għal x'hiex qiegħed jiffirma. Ukoll jekk għall-grazzja tal-argument ma qarax dik il-klawżola, kellu jkun ovvju għall-ilmentaturi li b'dak il-ftehim kienet ser tingħalaq darba għal dejjem il-kwistjoni li kellhom mal-appellanti. Kieku l-ilmentaturi ma riedux jaslu fi transazzjoni, ma kinux jaċċettaw l-offerta li għamlilhom il-bank. Fiċ-ċirkostanzi l-qorti tikkonkludi li dik il-klawżola ma ħolqot l-ebda żbilanċ. Klawżola li mingħajrha ma setax isseħħ it-transazzjoni li twassal għall-egħluq tal-kwistjonijiet kollha.

(v) L-appellata qatt m'attakkat it-transazzjoni minħabba vizzju tal-kunsens. L-appellata stess fin-nota ta' sottomissjonijiet iddikjarat li mhijiex tfittex għar-rexxissjoni tal-kuntratt.[31] Lanqas ma jirriżulta li hi u xi investituri oħra li huma parti f'appelli oħra li ser jiġu deċiżi llum

[31] Fol. 16.

kienu pproponew proċeduri sabiex jimpunjaw il-validita tat-transazzjoni.

63. L-appellata tirreferi wkoll għall-ittra mibgħuta mic-*Chiarman tal-Grupp BOV,* John Cassar White lil wieħed mill-investituri fis-16 ta' Diċembru 2014,[32] li ġiet riprodotta aktar 'l fuq. Skont l-appellata dik l-ittra tiskarta kompletament l-element ta' finalità tal-ftehim *de quo.* Il-Qorti ma taqbilx. Permezz ta' dik l-ittra ċ-*Chairman* tal-BOV iddikjara li fil-każ illi jkun hemm arbitru indipendenti il-każijiet ta' dawk li jħossu li għandhom ilmenti fondati jistgħu ikunu riżolti. Dikjarazzjoni li saret fi żmien meta l-Kap. 555 kien għadu ma daħalx fis-seħħ u ma ġġibx fix-xejn il-ftehim li sar bejn il-partijiet fil-proċeduri. It-transazzjoni saret u baqgħet hemm, irrispettivament x'kiteb Cassar White.

64. Fid-deċiżjoni l-Arbitru osserva li l-MFSA imponiet multa amministrattiva u l-bank ħallasha. Kompla:

> *"Għall-MFSA, l-Offerta ma kinitx ikkonkludiet il-każ, kif kienet l-intenzjoni tal-BOV li min jeħodha kien ikun qed iċedi kwalunkwe dritt legali kontra l-BOV. Fil-fatt permezz ta' Direttiva tat-28 ta' Ġunju 2011, l-MFSA obbliga lill-Bank biex jiżgura illi l-aċċettazzjoni ta' din l-Offerta kellha tkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dritt li wħud mill-investituri kellhom għall-kumpens jew, addirittura, jerġgħu jitpoġġew fil-qagħda finanzjarja tagħhom qabel ma investew fil-Property Fund.*
>
> *Permezz ta' ittra tal-1 ta' Ġunju 2012, l-MFSA infurmat lill-BOV li kienet se tiġi appuntata kumpannija professjonali li taġixxi b'mod indpendenti sabiex, fost affarijiet oħra, kellha tikklasifika lill-investituri bħala dawk li kienu jikkwalifikaw għall-kumpens u oħrajn li ma kienux jikkwalifikaw.*
>
> *Ġiet appuntata d-ditta ta' Mazars, li r-rapport tagħhom tlesta fil-21 ta' Jannar, 2013.* ***L-MFSA għaddiet lista ta' investituri li, skont dan ir-rapport kellhom jingħataw kumpens, u l-BOV ħallas lil dawk l-investituri li kienu eliġibbli skont ir-rapport tal-Mazars".***[33]

65. Ma jirriżultax li l-appellata kienet waħda minn dawk li jissemmew fir-rapport ta' Mazars. Tant hu hekk li rċeviet ħlas wieħed, dak li sar minħabba t-transazzjoni tat-28 ta' Ġunju, 2011.

---

[32] Dokument RZP3, file Six.
[33] Fol. 35 tad-deċiżjoni.

66. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet isegwi li l-ftehim li kkonkludew il-partijiet baqa' jorbot bejniethom u għandu saħħa ta' *res judicata* skont l-artikolu 1729(1) tal-Kodiċi Ċivili.

67. Hu minnu li l-Att dwar l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji (Kap. 555) daħal fis-seħħ f'April, 2016 u madankollu l-leġislatur iddeċieda li jagħmel din il-liġi applikabbli għall-każijiet li jmorru lura sa mis-sena 2004 fir-rigward ta' każijiet li għandhom x'jaqsmu mal-imġiba ta' provditur finanzjarju. Madankollu jibqa' l-fatt li snin qabel ma sar l-ilment lill-Arbitru, il-partijiet kienu diġa' għamlu transazzjoni li biha ġabet fit-tmiem tagħha l-kwistjoni dwar il-Property Fund in kwistjoni. Hi l-liġi stess f'artikolu 21(2)(b) li tipprospetta l-possibilta' li l-partijiet jilħqu ftehim bejniethom, tant hu hekk li bis-saħħa ta' dik id-disposizzjoni l-Arbitru m'għandux jeżerċita s-setgħat tiegħu taħt l-Att jekk jirriżulta li l-klijent ma jkunx ikkomunika l-ilment lill-provditur tas-servizz finanzjarju u ma jkunx tah opportunita' raġonevoli li jsib soluzzjoni għall-ilment. Soluzzjoni li fil-każ in eżami nstabet bis-saħħa tat-transazzjoni li l-partijiet ikkonkludew fl-aħħar ta' Ġunju, 2011.

68. Dan iwassal ukoll għall-konsegwenza li l-appellata ma kellhiex interess ġuridiku fl-ilment li pproponiet quddiem l-Arbitru.

69. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet mhemmx ħtieġa li l-qorti tikkunsidra l-aggravji l-oħra li hemm fir-rikors tal-appell.

**Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq, tilqa' l-appell u tħassar id-deċiżjoni tal-Arbitru tat-23 ta' Frar 2018 in kwantu tirreferi għall-appellata, u tiċħad l-ilment li għamlet bl-ispejjeż kontriha.**

Anthony Ellul.